1/LXXII OTTUBRU 1998

# IL-MALTI



# Editorjal

Minn żmien għal żmien kull għaqda jeħtiġilha tgħaddi minn perijodu ta' tiġdid. Dan huwa bżonnjuż kemm biex dik l-għaqda tagħti titwila fiha nfisha u tara jekk hijiex qed taqdi kif imiss l-ideali li għalihom twaqqfet, kif ukoll biex, skond iż-żmien u ċ-ċirkostanzi, tfassal għanijiet ġodda jew torqom u tadatta dawk li diġà jeżistu. Dan jgħodd għall-għaqdiet kollha u wisq iżjed għal dawk li ilhom imwaqqfin għal bosta snin. It-tendenza f'dawn ta' l-aħħar hija li dawn l-għaqdiet wisq drabi jintrikbu minn ideat u metodi xi ftit qodma li jżommu l-għaqda li tkun, bħall-ħmar tas-sienja, iddur fl-istess radda. Dan biex ma ngħidux ukoll li xi drabi l-pożizzjonijiet amministrattivi jisfgħu okkupati minn nies li sehemhom ikunu diġà tawh u, kif huwa naturali, flok ħeġġa u bżulija dawn ma jkun fadlilhom xejn ħlief il-ħedla li jġib miegħu ż-żmien.

Bħalma jaf kulħadd, l-Akkademja tal-Malti għaddejja minn dan it-tiġdid – tiġdid ta' strutturi u tiġdid ta' ideat. Ħallejna warajna ż-żminijiet fejn, b'xorti ħażina, kien hemm diżgwid fost il-membri. Għaddejna żmien pjuttost twil ta' fejqan – żmien fejn għamilna rendikont magħna nfusna u sewwejna l-ħsara kbira li ġarrabna kemm internament kif ukoll dwar kif jagħrfuna u x'jistennew minna n-nies.

L-akbar indikazzjoni li l-Akkademja rebħet mill-ġdid ir-rispett u l-fiduċja li minn dejjem

1/LXXII 1998

**IL-MALTI**

*Bord Editorjali:*
Is-Sur Achille Mizzi
President

*Membri:*
Is-Sur Joseph Borg B.A.
Dr Charles Briffa Ph.D.
Is-Sur Charles Coleiro
Is-Sur Charles Flores

© *Copyright*
Akkademja tal-Malti

*Il-Qoxra:*
L-Akkademja trodd ħajr lill-artist Anthony Calleja li ġentilment offra awtoritratt għall-qoxra ta' din l-edizzjoni.

Disinn u stampar mill-Koperattiva Outlook, 1998

UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

kienet tgawdi f'għajnejn in-nies kienet meta l-ogħla awtorità ċivili stiednet lill-Akkademja tal-Malti biex tiġġedded fl-istrutturi tagħha biex, filwaqt li tibqa' tgawdi l-awtonomija, tilbes is-setgħa governattiva li biha tkun tista' twassal l-ideali tagħha dejjem aħjar u, fejn hemm bżonn bl-id soda msaħħa mis-setgħa tal-liġi, tara li l-jeddijiet ta' l-Ilsien Malti bħala Lsien Nazzjonali jitħarsu dejjem u kullimkien.

Dan, anke jekk b'pass meqjus, l-Akkademja wettqitu. U issa għandna f'idejna Abbozz ta' Liġi u Statut Rivedut li jikklumplimentaw lil xulxin. Fil-fehma tiegħi, dawn għandhom ikunu l-aqwa strumenti biex jiżguraw mhux biss ġejjieni sabiħ għall-Akkademja iżda wkoll snin ta' ħidma fejjieda għat-tħaris u t-tisbiħ ta' l-Ilsien Malti. Għaliex, ngħiduha kif inhi, illum jidher ċar li bil-volontarjat biss, anke jekk dan huwa mill-aktar ħabrieki, ma naslu mkien. Hemm bżonn li l-Akkademja jkollha r-riżorsi, il-faċilitajiet u s-saħħa biex dak li tgħid hi jgħodd f'għajnejn il-pubbliku – ħwejjeġ li l-Gvern biss jista' jagħtihom.

Din kienet u għadha l-ħolma ta' bosta ħassieba fi ħdan l-Akkademja. Fl-imgħoddi, dawk ta' qabilna rnexxielhom li, bil-manuvri li kienu jgħoddu għal żmienhom, iġibuha żewġ biex fl-aħħar il-Malti sata' jirbaħ u jieħu postu. Fiż-żminijiet tal-lum il-problemi huma ta' xorta oħra u nkunu tassew ġwejjef jekk dan aħna ma nintebħux bih u nħabirku biex il-qala' tagħna ndawruh skond il-fejn illum qed jonfoħ ir-riħ.

## WERREJ


*EDITORJAL* i

ĠORĠ BORG
*Għar Dalam* 24
*Poeżija* 24
*Naf Tifel* 35
*Imħabba Sewda* 35

RIGU BOVINGTON
*Manuel Nicholas-Borg: Poeta Malti-Awstraljan* 17

DR. CHARLES BRIFFA
*Il-Qawwa tal-Malti* 8
*Insellmu lil Min Ħalliena* 11
*Mill-Imgħoddi* 22
*Intervista lil Ġorġ Pisani* 23
*Kumpliment lil Ilsienna* 25

JOHN BUTTIGIEG
*Ipokreżija* 37

CHARLES COLEIRO
*Destin* 21
*Uċuħ* 21
*Xewqat* 21

THOMAS FRELLER
*Il-Malti – Lingua Punica...?* 1

JOE FRIGGIERI
*Durham 11.5.96* 36

P. SCIBERRAS
*Wirt Battal* 34
*database* 36
*Mid-Djarju tat-Tarzna* 38

VICTOR XUEREB SJ
*Miju Mekkek ta' l-Iljade* 29

# Il-Malti – *Lingua Punica* jew *Lingua Arabica*?

*Aspetti tad-diskussjoni internazzjonali li kien hemm lejn tmiem is-Seklu Tmintax u l-bidu tas-Seklu Dsatax.*
*(Bidla li seħħet fl-għarfien ta' l-Ilsien Malti)*

(Kitba ta' Thomas Freller)

(Maqlub għall-Malti minn Achille Mizzi)

It-tieni nofs tas-Seklu Tmintax ma kienx biss iż-żmien meta ċerti ċirkoli xjentifiċi u kulturali ta' l-Ewropa bdew jiżviluppaw interess qawwi f'dak kollu li kellu x'jaqsam ma' l-istorja u l-kultura tal-klassiċi Griegi u Rumani. Kien żmien ukoll meta tqanqal interess kbir fil-kultura u l-wirt orjentali u dak Għarbi. Dan l-interess u din il-ġibda kienu min-naħa l-waħda interess estetiku u viżwali kif, per eżempju, jidher min-namra ġdida li kellhom l-Ewropej mal-ħrejjef ta' l-*Elf Lejl u Lejla*. Jidher ukoll minn kemm-il darba naraw modi u lbies orjentali fil-pitturi ta' Antoine Favray u ta' Francesco Guardi. Dan l-interess jidher ukoll minn għadd ta' studji profondi dwar il-lingwistika u l-Istorja Għarbija - studji li ħarġu l-aktar minn universitajiet fi Franza u fil-Ġermanja.

Ftit wara li seħħ dan l-iżvilupp, tqanqal interess kbir fit-tiftix tan-nisel ta' l-Ilsien Malti. Fost il-ġgajta ta' studjużi li stħarrġu dan is-suġġett kien hemm nies ta' isem bħall-orjentalista Franċiż ta' fama Sylvestre de Sacy, il-filoloġista Friedrich Muenter kif ukoll il-lingwisti Ġermaniżi, Professur Johan Bellermann u Wilhelm Gesenius. Sa mis-Seklu Sittax, f'ħafna nħawi, l-Ilsien Malti kien beda jinteressa lil diversi storjografi, lingwisti u dilettanti oħra. Fl-1588, Hyeronimus Megiser, l-"Ordinarius Historiographicus" tas-Swabja kien ġie Malta u ġabar bosta kliem u frażijiet Maltin. Wara, kien ippublika partijiet minn din il-lista fi ktieb li kien ħareġ fl-1603 u li jġib l-isem ta' "Thesaurus Polyglottus vel, Dictionarium Multilingue" (Frankfurt a.M. 1603) kif ukoll fil-wisq magħruf xogħol tiegħu "Propugnaculum Europae" (Ippubblikat Leipzig fl-1606, fl-1609, imbagħad wara fl-1610, kif ukoll fi Krakovja fl-1611). Fi studji li kitbu Albert Friggieri, William Cowen u Arnold Cassola, dawn ukoll jitkellmu b'aktar dettall dwar din il-lista u dwar il-konnessjoni li dan Megisar kellu ma' Malta. Fl-1663 Sir Philip Skippon żar Malta u huwa wkoll ġabar diversi kliem u frażijiet Maltin. Iżda r-rakkont tal-vjaġġ tiegħu ma ġiex ippublikat qabel l-1732 meta deher fiċ-"Churchill's travels". Madankollu xi sentejn qabel, il-Franċiż Thezan, li kien kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann,

kien ikkompila dizzjunarju sħiħ, iżda l-manoskritt ġie ppublikat reċentament minn Arnold Cassola fl-1992.

Sa dak iż-żmien, il-listi kollha kienu jikkonsistu l-aktar f'damma ta' kliem u ta' referenzi għall-istruttura grammatikali tal-Malti iżda fis-Seklu Tmintax kien beda joktor l-interess fit-tiftix għall-għeruq ta' l-Ilsien Malti u l-istorja tiegħu. Il-professur tal-Grieg u ta' l-ilsna Orjentali fl-Università ta' Giessen (Hessia - fil-Ġermanja), Johannes Heinrich Majus qatt ma kien ġie Malta. Is-sorsi prinċipali tax-xogħol tiegħu "Specimen Linguae Punicae in Hodierna Melitensium Superstitis" li kien ġie ppubblikat għall-ewwel darba fl-1718 f'Marburg (bit-tieni edizzjoni b'għadd ta' xogħlijiet oħra ppubblikati f'Lieden fl-1725) - kien ibbażat l-aktar fuq materjal li kien newwillu l-Ġiżwita Malti Ribier de Gattis. L-aktar minħabba fit-tieni edizzjoni li nħarġet f'Leiden fl-1725, ix-xogħol ta' Majus xtered u sar magħruf mill-istudjużi ta' l-ilsna klassiċi u orjentali kif ukoll minn bosta oħrajn li kienu jiddilettaw b'dawn is-suġġetti. Xogħol ieħor kbir li kien jittratta dwar il-Malti kien il-ktieb "Della Lingua Punica presentemente usata da Maltesi" (Ruma 1750) li kien ġie ppubblikat mill-istudjuż enċiklopediku Għawdxi l-Kanonku Agius de Soldanis.

Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, ix-xogħlijiet ta' Majus u ta' Agius de Soldanis f'daqqa waħda ġibdu fuqhom għajb u kritika qawwija. X'kienu r-raġunijiet għal dan? Minn meta Jean Quintin d'Autun ħareġ il-"Melitae Insula Descriptio" (Lyon 1536) sa nofs is-Seklu Tmintax, kważi l-awturi kollha li ħarġu b'referenzi, min itwal u min iqsar fid-daqs, għal-lingwa mitkellma mill-Maltin – fost dawn inklużi Joahannes Heinrich Major u l-Kanonku Agius de Soldanis – kollha kienu tal-fehma sħiħa li l-Malti huwa mnissel mil-lingwa Punika tal-qedem. Difatti, wieħed mill-kapitoli fl-opra ta' Majus "Linguae Punicae in Hodierna Melitensium superstitis" insibu hekk "Veterum Melitensium lingua eadem quae Punica". (Kapitlu 12) ("L-ilsien li l-Maltin kienu jitkellmu bih fil-qedem huwa l-istess bħal dak tal-Puniċi.") Għalhekk Majus wasal għall-konklużjoni illi l-Malti tal-lum jista' jkollu xi fdalijiet ("rudera") tal-Puniku qadim. Din il-kitba preżenti, fil-qosor kif inhi, ma tistax titfa' dawl biżżejjed fuq l-implikazzjonijiet storiċi u kulturali ta' l-opinjoni ta' Majus jew ta' Agius de Soldanis. Li kieku din kienet minnha, huwa kellu bilfors jitlaq mill-ipotesi li bejn iż-żminijiet Puniċi u dawk ta' llum il-popolazzjoni tal-gżejjer Maltin qatt ma nbidlet, iżda għall-kuntrarju kien hemm kontinwità sħiħa.

Daż-żmien, permezz ta' stħarriġ aktar fil-fond u fil-wisa' ta' l-idjomi orjentali u kif dawn ħarġu minn xulxin, din il-fehma ta' Majus u Agius de Soldanis ġiet, aktar u aktar, skartata. Wara l-1770 din il-kwestjoni dwar mnejn tnissel il-Malti saret waħda mill-eqqel argumenti internazzjonali fost id-dilettanti u l-esperti. Il-mixja u l-iżvilupp ta' dawn l-argumenti kienu jinteressaw mhux biss lil dawk li kienu mixħutin għal din ix-xjenza. Wara ftit taż-żmien dawn l-argumenti ntisġu ma' kwestjonijiet ta' identità nazzjonali kif ukoll ma'sens ġdid ta' nazzjonaliżmu. Bħal fil-każ ta' l-Italja taż-żminijiet reċenti, fejn kellek studjużi u artisti bħal Piranesi li kienu jħaddnu t-teorija li l-kultura Rumana kienet imnissla direttament minn dik etruska għall-kuntrarju ta' dak li kienu jaħsbu xi wħud li din kienet iddominata minn dik Griega, hekk ukoll għall-ġenerazzjoni ġdida ta' studjużi u letterati Maltin – l-ewwel fosthom Mikiel Anton Vassalli – bħal speċi saret moda komda u flokha li wieħed jisħaq li l-għeruq tal-Malti għandhom jinstabu fil-Puniku antik li sa dak iż-żmien kien għadu lsien li għalih kulħadd kien inkileb propju minħabba l-fatt li kien misterjuż. Lejn it-tmiem tas-Seklu Tmintax, il-lingwa Punika kienet għadha ma ġietx iddeċifrata kollha kemm hi u kienet għadha oġġett ta' kurżità kbira fl-Ewropa. Nies li żaru Sqallija u Malta fl-aħħar għexieren tas-Seklu Tmintax bħal Friedrich Muenter, Il-Konti ta' Strolberg, Johann Michael de Borch, C.S. Sonnini, Carlo Gastone Torre de Rezzonico, il-Konti de St Priest jew Richard Cold Hoare ma kienu jehdew qatt li jsemmu, bid-dettalji kollha, il-wirt puniku ta' dan ir-reġjun.

Bħala eżempju ta' kemm kien imxerred l-interess dwar dan is-suġġett jixhdu l-għadd ta' kitbiet tal-vjaġġatur svediż Jakob Jonas Bjoernsthal. Matul ix-xitwa ta' l-1770-1771 dan Bjoernsthal kien qed jivvjaġġa fuq mirkeb minn Toulon għal Civitavecchia. Meta huwa ntebaħ li fuq dan il-mirkeb kien hemm nies kemm Maltin kif ukoll Għarab, huwa beda jistħarreġ diskorshom u għamel din l-osservazzjoni:

"L-Għarab jirnexxilhom jiftiehmu tajjeb mal-Maltin bla ebda diffikultà. Iżda wieħed ta' min jgħid li l-grammatika ta' l-ilsien Malti m'hijiex l-istess bħal dik ta' l-Għarbi mitkellem fl-Eġittu jew fl-Asja. Minn dan wieħed jista' jara kemm jitqarraq min ifittex nisel il-Malti fl-ilsien Puniku. Din it-teorija zoppa kienet ġiet maħluqa minn Johann Heinrich Majus u mill-Kanonku Agius de Soldanis. Hija ħaġa ta' l-iskantament li bniedem bħal Agius de Soldanis, li kien ta' nisel Malti, ma kienx jaf x'kien sewwa l-ilsien li bih jitkellem. Fix-

xogħol tiegħu "Della Lingua Punica" ħuwa jsostni li l-Għarbi m'għandu x'jaqsam xejn mal-Malti. (...) "Hija ħaġa stramba li l-Maltin qajla jafu jiktbu u jaqraw il-lingwa li biha jiftiehmu. Dan jista' jkun ġej mill-fatt illi l-Maltin kollha li huma edukati jużaw it-Taljan."

Dan l-episodju jirrifletti fl-istess waqt, għad li b'mod negattiv, kemm kienet magħrufa fost l-għorrief għall-ħabta tat-tieni nofs tas-Seklu Tmintax l-opra ta' Agius de Soldanis "Della Lingua Punica". Difatti din l-opra ta' de Soldanis kellha sehem kbir biex inkixef il-qerq tal-falsarju ta' l-Għarbi, il-Malti Abbate Giuseppe Vella ('Codex Diplomaticus Sicilae sub saracenorum imperio ab DCCCXXVII ad MCXXL nunc primum ex mss. Mauro occidentalis conscriptus cura e studio Airoldi Archiepiscopi Heraclensis', Palermo, 1788, (traduzzjoni għat-Taljan, Palermo, 1789-1792).

Fl-1786 l-istudjuż Franċiż De Guignes ġibed l-attenzjoni dwar kemm it-taparsi Għarbi tad-dokumenti medjevali ta' Vella kien jixxiebah mal-Malti. De Guignes wasal għal din il-konklużjoni billi rrefera għax-xogħol "Della Lingua Punica" ta' De Soldanis. Il-kritika ħarxa li kien għamel il-lingwista 'delettant' Bjornsthal kontra t-teorija tal-Malti-Puniku ntrefgħet fuq livell xjentifiku ogħla minn lingwista Ġermaniż li kien ukoll l-arkivista ta' l-Arċiduka ta' Dresden, fis-Sassonja, u li kien jismu Johann Cristoph Adelung. Fix-xogħol li jġib l-isem "Mithridates oder allgemeine Sprachenkunde mit dem Vater Unser als Sprachprobe" (Berlin, 1806) (Mitridate jew ix-xjenza ġenerali tal-lingwi mħaddma fuq il-mudell speċjali tal-'Missierna') dan Adelung indika l-Għarbi bħala l-bażi prinċipali li fuqu għandu jitqies il-Malti. Il-bqija tal-Malti, huwa kompla jgħid, jikkonsisti f'eżemplari ta' Taljan u Franċiż. Jista' wieħed jaħseb li fil-bidu tas-Seklu Dsatax kienu biss il-Maltin li baqgħu jaħsbu li l-oriġini tal-Malti tinsab fil-Puniku Qadim. Iżda anke daqstant tard, il-polemika kienet għadha għaddejja 'l barra minn xtutna. Fl-1809, professur tat-teoloġija u tal-filosofija minn Berlin, li kien jismu Johann Joachim Bellermann, ippubblika t-trattat "Phoeniciae linguae vestigiorum in Melitensi specimen" li baqa' jxaqleb lejn il-fehma li kien hemm għadd ġmielu ta' fdal puniku fil-Malti. Bħal Agius de Soldanis qablu, Bellermann isaħħaħ it-teżi tiegħu billi jxebbah mal-Malti tal-lum il-puniku kif ikkwotat mill-awtur Ruman Plawtu fil-kitba tiegħu li ġġib l-isem ta' "Poenulus".

Din il-fehma qalgħet l-aħħar daqqa meta fl-1810 Wilhelm Gesenius, studjuż ta' l-Ebrajk u s-Semitku ta ħjiel ta' kemm kienu dgħajfa dawn it-teoriji. Dan Gesenius li kien professur tat-teoloġija fl-università ta' Halle kien espert mill-iprem ta' l-Ebrajk u tal-fdal mill-Ilsien Puniku li kien instab sa dak iż-żmien. Fl-1810 huwa ppubblika t-trattat tiegħu 'Versuch über die maltesiche Sprach' (Stħarriġa dwar l-Ilsien Malti) li kien immirat biex jeħodha kontra dak li kien qal Bellermann fix-xogħol tiegħu. L-ewwel ħaġa li saħaq dwarha kienet li dwar il-Lingwa Punika ftit li xejn kien magħruf sa dak iż-żmien biex sata' jsir paragun mal-Malti ta' dik l-epoka. U wisq u wisq iżjed, il-biċċa l-kbira ta' l-istudjużi ta' żmienu ma kellhomx għerf biżżejjed bies setgħu jagħżlu bejn l-Ebrajk u l-Puniku. It-tieninett, huwa silet il-konklużjoni li qatt ma sata' kien possibli li l-ilsien li kien mitkellem mill-Maltin qabel il-ħakma ta' l-Għarab fid-disa', l-għaxar u l-ħdax-il seklu baqa' jeżisti tul dan iż-żmien kollu. Huwa korrettement intebaħ bil-qrubija tad-dijalett Għarbi mitkellem fil-Magreb ma' l-ilsien Malti. Kien il-qari ta' l-ewwel pubblikazzjoni dwar id-djaletti Magrebin li wassal lil Gesenius għal dawn il-konklużjonijiet. Din kienet il-"Grammatica linguae mauro-arabicae" (Vjenna, 1800) maħruġa minn Franz ta' Bombay. Minn dan joħroġ ċar li kien minħabba ż-żieda kbira ħafna fl-għarfien tal-lingwistika u l-kultura orjentali, kif ukoll minħabba fl-avvanzi u fl-iżvilupp ta' studji ta' din ix-xorta li kien wasal iż-żmien biex l-Ilsien Malti u l-istorja tiegħu jiġu mifhuma fil-vera perspettiva tagħhom.

Issa kien wasal iż-żmien, anke għal difensur akkanit tal-Malti-Puniku bħalma kien Mikiel Anton Vassalli, li jirrevedi l-fehmiet tiegħu fuq din il-ħaġa. Fl-1828 huwa ppubblika il-"Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi" li fih deher li kien skarta l-fehmiet qodma li kellu u beda jsegwi t-teoriji "moderni" ta' Sylvestre de Sacy u Wilhelm Gesenius. Infatti l-lingwista Franċiż u studjuż ta' l-ilsna orjentali Sylvestre de Sacy kien segwa għal ħafna snin id-diskussjoni dwar l-għeruq u n-nisel tal-lingwa mitkellma f'Malta. Fil-ħarġa ta' April 1829 tal-famuż 'Journal de Savans' dehret reċensjoni awtorevoli dwar ix-xogħol ta' Vassalli "Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi" li fiha huwa kien irrikonoxxa l-kisbiet ta' Vassalli fejn għandhom x'jaqsmu l-Ilsien u l-Istorja ta' Malta. B'hekk infetaħ kapitlu ġdid għall-għarfien tal-Malti u l-istudju tiegħu.

Xoghlijiet ikkonsultati:

Adelung, Johann Christoph, "Mithridates oder allgemeine Sprachkunde mit dem Vater Unser als Sprachprobe in bey nahe fuenfhundert Sprachen und Mundarten" (Berlin, 1806).

Agius de Soldanis, G.P.F: "Della Lingua Punico-Maltese..." (Ruma, 1750).

Agius de Soldanis, G.P.F: "Della Lingua Punica presentemente usata da maltesi ovvero Nuovi Documenti li quali possono servire di lume all'antica lingua etrusca" (Ruma, 1753).

Bellermann, Johann Joachim, "Phoeniciae Linguae vestigiorum in Melitensi Specimen" (Berlin, 1809).

Bjoernsthal, Jacob Jonas, "Briefe auf Reisen durch Frankreich, Italien, die Schweiz, Deutschland, Holland, England und einen Theil der Morgenlaender" (Rostock Leipzig, 1777) Malta: Vol 1.

Cassola, Arnold, "Una edizione diversa della lista di voci maltesi del Seicento di Hieronymus Megiser" in "Incortri Siculo-Maltesi, Atti del II Convegno su Malta-Sicilia" (Malta, 1986).

Cassola, Arnold, "The Biblioteca Vallicelliana, Regole per la Lingua Maltese, The earliest extant grammar and dictionary of the Maltese language" Editjat minn Arnold Cassola. (Malta 1992).

Cowan, William, "An early Maltese World-List" fil-"Journal of Maltese Studies", Nru 2.

Dombay, Francois de, "Grammatica Linguae Mauro-Arabicae juxta Vernaculi usum. Accessit Vocabularium Latino-Mauro-Arabicum" (Vjenna, 1800).

Friggieri, Albert, "Propugnaculum Europae" (The Bulwark of Europe) f' 'The Sunday Times (of Malta)' 20 ta' Diċembru 1987, pp 23-26.

Gesenius, Wilhelm, "Versuch über die maltesische Sprache zur Beurteilung der neulich wiederholten Behauptung, dass sie ein Überrest der altpunischen sey, und als Beytrag zur arabischen Dialektologie" (Leipzig, 1810).

Gesenius, Wilhelm, "Scripturae Linguaquae Phoeniciae" (Leipzig, 1837).

"Journal (Le) des Savans" (Parigi) Awissu 1786, & April 1829.

Kontzi, Reinhold, "Der Beitrag deutscher Gelehrter zur Erforschung des Maltesischen seit Beginn des 17. Jahrhunderts bis zum Beginn des 20. Jahrhunderts" in "Lingua et Traditio. Festschrift für Helmut Christmann" (Tuebingen, 1994).

Majus, Johann Heinrich, "Specimen Linguae Punicae in Hodierna Melitensium Superstitis" (Marburg, 1718, u anke f'Leiden, 1725).

Megiser, Hieronymus, "Propugnaculum Europae. Warhafften eigentliche und aussführliche Beschriebung der viel und weitberühmten Africanischen Insul Malta" (Leipzig, 1606 ukoll fl-1609 fl-1610 u fi Krakovja 1611.)

Megiser, Hieronymus, "Thesaurus Polyglottus vel, Dictionarium Multilingue: Ex quadringentic circiter tam veteris, quam novi (vel potius antiquis incogniti) Orbis Notionum Linguis, Dialectis, Idiomatibus & idiotismus constans" (Frankfurt a. M; 1603).

Skippon, Sir Philip, "An account of a Journal" fil- "A collection of Voyages and Travels" (Londra, 1732).

Vassalli, Mikiel Anton, "Mylsen Phoenico-Punicum sive Grammatica Melitensis" (Ruma, 1791).

Vassalli, Mikiel Anton, "Motti, Aforismi e Proverbi Maltesi" (Malta 1828).

# Il-Qawwa tal-Malti

CHARLES BRIFFA

Albert Camus (1913-1960), rumanzier, drammaturgu, esejista, u ġurnalista, kiseb il-fama tiegħu minħabba li f'kitbietu rnexxielu jaħtaf u jesprimi l-burdati u l-preokkupazzjonijiet tal-kontemporanji tiegħu. Forsi lil Camus nafuh l-aktar bħala rumanzier. *L'Etranger* (1942) jittratta raġel ikkundannat għall-mewt minħabba qtil li għamel ħiltu kollha jipprova li ma jwettaqx, imma wkoll minħabba li hu l-barrani f'soċjetà ipokrita u bħala l-barrani jirrifjuta li jikkonforma mal-valuri foloz tagħha. Imbagħad f'*La Peste* (1947), li jagħtina dehra ta' pesta b'referenza għall-okkupazzjoni Nazista u l-ħajja umana ġenerali, insibu ribelljoni f'għamla ta' tliġġim erojku li jlibbes id-dinjità umana lill-bniedem u jikkomunika tifsir xieraq fl-eżistenza umana permezz ta' kooperazzjoni soċjali. Però Camus huwa esejista mill-iprem u xi wħud mill-kitbiet filosofiċi tiegħu jiddefinixxu l-idea tiegħu ta' l-assurd li toqrob lejn l-eżistenzjaliżmu, għalkemm Camus ma ried qatt li jitlaqqam eżistenzjalista - tant li anki ħadha kontra Sartre fl-1952. L-assurd huwa aktarx il-punt tat-tluq u fix-xogħlijiet tiegħu jidher l-għawġ uman (f'għamla ta' qagħdiet diffiċli li minnhom ftit hemm ħarba) u t-tfittxija biex jinħeles dak l-għawġ.

Hawnhekk jinteressawna l-esejs tiegħu għax Dr Toni Aquilina tana l-verżjoni bil-Malti ta' ġabra minnhom. Aħna u naqraw *Is-Sajf* (Malta, 1997) inħossu umaniżmu naturali u mħabba Mediterranja għall-ħajja. L-ambjent huwa Mediterranju u fit-traduzzjoni l-atmosfera sħuna u mdawla toħroġ ukoll b'siltiet bħal "trab, żrar, u sħana" (p.4), "Iż-żiffa, il-bjuda tal-berwieq, l-ikħal karg tas-sema" (p.26), "lejla waħda sajfija u reżżieħa ta' Frar" (p. 34), "l-ilma għammiexi tal-baħar" (p.54), u oħrajn li juru kemm il-klima tal-Mediterran qiegħda fil-vini ta' Camus. It-traduttur ħareġ din il-bixra mentali fil-verżjoni tiegħu għaliex (ma ninsewx) hu wkoll huwa bniedem Mediterranju. U l-umaniżmu ta' Camus baqa' jinħass fit-traduzzjoni minħabba l-istil tal-Malti magħżul. Aquilina ħa ħsieb l-elementi stilistiċi għax kien hemm il-ħtieġa li jvarja t-ton: daqqa konverżazzjonali, kultant deskrittiv, u spiss poetiku. B'dan il-mod joħroġ l-umaniżmu mis-sens ta' osservazzjoni u mis-sentimenti mġarrba u mwassla b'lingwa figurattiva li minnha spiss tixref proża poetika bħalma nsibu f'din is-silta: "minn ħin għal ieħor, il-mewġ jgħajjat u jagħti ħasla 'l-pruwa kif imiss;

ragħwa morra u ddellek, bżieq l-allat, tixtered u ċċarċar ma' l-għewied sa ma tasal ġo l-ilma fejn tinfirex f'disinji li jmutu u jitwieldu mill-ġdid, ġilda ta' xi baqra blu bl-abjad, bhima għajjiena, li tibqa' ġejja warajna mar-radda tal-vapur għal ħin twil." (p.79-80) f'dawn l-esejs tixref qawwija l-idea tal-vjaġġ bħala avventura: minn proċess ta' periklu għal tħassib fuq dak li l-bniedem jista' jsib ma' wiċċu, għal rieda sħiħa li jsalpa 'l hemm mill-port. Id-deċiżjoni tiegħu ġejja minn dik is-sejħa qadima tal-baħħar li jħoss il-beraħ mielaħ fil-vini tiegħu: "Namra ta' bla ħsieb, kapulavur, att deċisiv, trasfigurar ta' ħsieb, f'ċerti mumenti lkoll iġibu magħhom l-istess tbaqbiqa intollerabbli mwieżna minn seħer li ma tkunx tista' għalih." (p.92)

Il-ħsieb ħerqan għall-beraħ ħieles fil-bixra mentali ta' Camus joħroġ jixref b'mod xieraq minn xifer ix-xefaq tal-bixra mentali tat-traduttur. It-traduzzjoni (bħala proċess li bih it-test laqqiegħi jrid iwassal l-istess ideat u messaġġi tat-test nissieli) tinvolvi żewġ strutturi: il-binja tal-qiegħ li għandha x'taqsam mat-tifsira, u l-binja tal-wiċċ li tvarja mill-oriġinal għat-traduzzjoni. Il-binja tal-wiċċ ta' l-oriġinal nistgħu nsejħulha s-simbolu tan-nissieli; u l-binja tal-wiċċ tat-traduzzjoni nistgħu nsejħulha s-simbolu tal-laqqiegħi. Ir-relazzjoni bejn iż-żewġ simboli hija l-oġġett li t-tnejn qed jirreferu għalih; dan l-oġġett insejħulu r-referent. Issa jista' jagħti l-każ li kelma f'lingwa jkollha aktar minn ekwivalenti wieħed f'oħra. Il-kuntest irid jgħin lit-traduttur, imma dan irid joqgħod ukoll attent għall-kollokazzjonijiet li t-termini li jagħżel ikollu. Ngħidu aħna, fl-aħħar esej Aquilina kellu l-Franċiż "journal" (bl-Ingliż "Logbook") bħala l-ktieb fejn jitniżżel kulma jiġri fit-tbaħħir ta' vapur. L-ekwivalenti fil-Malti setgħu kienu "reġistru" jew "ġurnal ta' abbord", u seta' wkoll it-traduttur faċilment għażel li jinqeda bil-kelma missellfa "logbook" – il-Professur Aquilina jagħtiha "logg-bukk"– li hija l-aktar alternattiva popolari. Toni Aquilina m'huwiex wieħed li jitmeżmeż jinqeda b'termini missellfa mill-Ingliż: fl-ewwel esej, per eżempju, uża "hangers" (ganċijiet?), "gangsters", "poker", "plaxx". Imma fil-każ ta' "journal" għażel li juża "reġistru ta' abbord" għax il-kelma "ġurnal" fil-Malti tikkolloka ma' "gazzetta". (Jien personalment kont ninqeda b'"logg-bukk" għax din tgawdi l-aktar popolarità fil-kuntest marittimu Malti. It-traduttur, mela, jrid jispezzjona r-referent billi jħares lejn il-kuntest il-wiesa', lejn il-kuntest immedjat, u jifli l-probabilità ġenerali ta' dak li jagħżel. Dan kollu huwa meħtieġ għax jista' jkun hemm traduzzjoni falza li twaqqa' kollox għaċ-ċajt. It-traduttur jibda minn ħidma ta' għarfien biex jifhem sew ir-referent imbagħad jgħaddi għal ħidma ta' espressjoni biex jagħżel simbolu xieraq.

Minkejja l-problemi kollha li traduttur jiltaqa' magħhom, it-traduzzjoni trid tinqara bħala xogħol sħiħ li jagħmel sens. Trid tkun mexxejja fil-kuntest laqqiegħi tagħha u trid tiftiehem qisha biċċa xogħol oriġinali. Kultant Aquilina nqeda b'termini ibsin fil-Malti: "għanja sehwiena" (p.8= għanja li ttellef), "ruħ kemmxejn maħġuba" (p.9= ruħ kemmxejn introverta?), "wtajja miksijiin bil-berwieq" (p.26, plural miksur ta' wita?), "l-għaqba waħxija" (p.27= għolja waħxija), "ferrieħ u stonkuż f'teqjistu" (p.38= ferrieħi u stonkuż fil-kalkoli tiegħu) – l-alternattivi tiegħi forsi m'humiex eżatti, però żgur li jinftehmu aktar. Il-forom ta' Aquilina jagħtu kulur kulturali lix-xogħol u, kollox ma' kollox, irridu ngħidu li l-Malti reġa' għadda mill-eżami għax laħħaq ma' l-ideat ta' Camus. Din it-traduzzjoni hija mera oħra tal-kapaċità tal-lingwa tagħna.

# Insellmu lil Min Ħalliena

CHARLES BRIFFA

Qalb il-karti li kien hemm fil-fajl tax-xogħlijiet maħsuba għall-pubblikazzjoni f'*Il-Malti* il-Bord Editorjali sab nota mingħand is-Sur J.J. Camilleri li tfakkar li s-sena 1997 kienet sena ta' anniversarji. Fiha kien hemm din il-lista:

"Laurent Ropa miet tletin sena ilu; Ġanni Vassallo miet sittin sena ilu; Pawlu Bellanti u Ġużé Muscat Azzopardi mietu sebgħin sena ilu; Dwardu Cachia, Manwel Magri, u A.E. Caruana mietu disgħin sena ilu. Ġananton Vassallo u Richard Taylor mietu mija u tletin sena ilu. Mitt sena ilu twieled Ġużé Ellul Mercer; għaxar snin ilu mietu Karmenu Vassallo u Alfred Previ."

Dan l-aħħar ukoll ħallewna għadd ta' awturi li ħabirku f'ġieh l-ilsien Malti u fi ħdan l-Akkademja, u għalhekk xieraq li nsellmulhom bil-kordi ta' qlubna għax il-ħidma fejjieda tagħhom matul is-Seklu XX wessgħet il-fruntieri lingwistiċi, min bi ftit u min b'ħafna. F'dan il-kuntest intenni (għax joqgħod ġmielu) kliem Saydon:

"Jekk inħarsu ħarsa, imqar għal ħin wieħed, lejn il-kitba tal-Malti, li, f'dawn l-aħħar snin, maħduma u mirquma bl-akbar ħeġġa, xenxlet aktar 'l isfel għeruqha u meddet aktar fil-wisa' l-friegħi tagħha ħodor u xerrdet aktar fil-bogħod il-fwieħa ħelwa ta' nwarha, inħossu minnufih jiġri ġewwa fina u jqanqal l-għeruq ta' qalbna u ta' ruħna ħass kburi ta' ferħ, ta' tgħaxxiq u ta' ftaħir xieraq. U ħadd ma jista' jlumna. Għax jekk it-tajjeb u s-sabiħ hu għal kulħadd għajn ta' ferħ, ta' għaxqa, u ta' tifħir, aktar u aktar nifirħu bih, nitgħaxxqu bih, u niftaħru bih meta hu tagħna u xogħolna."

## Xi Kittieba tal-Malti Mejtin

Fl-1997 mietu V.M. Pellegrini (1911-1997), Ġużé Aquilina (1911-1997), u Br Michael Buttigieg (1916-1997), u bħala tislima ngħidu kelmtejn fuqhom.

**V.M. PELLEGRINI** (1911-1997) twieled il-Belt u studja l-ewwel fis-Seminarju ta' Għawdex imbagħad fil-Liċeo ta' Malta mnejn għadda għall-

Università u ħa d-diploma ta' nutar u l-grad ta' avukat fl-1937. Sentejn wara żżewweġ lil Josephine Calleja u kellhom tifla u żewġ subien. Serva ta' nutar għal 45 sena, l-aktar il-Belt u r-Rabat.

Kien attiv ħafna f'diversi soċjetajiet letterarji, u ħadem qatigħ fl-oqsma kultruali u artistiċi. Għal din il-ħidma ngħata medalja tal-fidda mill-Gvern Taljan, inħatar Cavaliere della Stella Solidarietà Italiana għat-tħabrik tiegħu fl-arti mużikali, u ngħata wkoll medalja tad-deheb mis-Soċjetà ta' l-Arti, il-Manifattura, u l-Kummerċ għax kien attiv ħafna fl-oqsma letterarji artistiċi, u soċjali.

Għamel diversi studji fuq il-letteratura, l-arti, u l-lingwi, u kien iħobb ħafna t-Taljan tant li kiteb bosta poeżiji u xogħlijiet ta' kritika b'dan l-ilsien. It-tendenza mentali tiegħu f'kitbietu kienet klassika. Fost il-pubblikazzjonijiet tiegħu bil-Malti nsibu fil-qasam tal-poeżija *Bjuda bil-Lejl* (1955) u *L-Epopea ta' Ġensna* (1971); fil-qasam tad-drammi *Marcellino Ħobż u Nbid* (1957) u *Il-Martri tal-Golgota* (1957); u għaż-żgħar ħareġ *Shakespeare għat-Tfal* (1989). Għamel ukoll ħafna traduzzjonijiet.

**ĠUŻÉ AQUILINA** (1911-1997) twieled il-Munxar u hu wkoll ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fis-Seminarju ta' Għawdex u wara daħal fl-Università ta' Malta mnejn kiseb il-grad ta' B.A. (1934) u mbagħad ta' LL.D. (1937). Studja wkoll fl-Università ta' Londra u kiseb il-Ph.D. bir-riċerka li għamel fil-filoloġija Semitika (1941). Iżżewweġ lil Beatrice Cassar u kellhom tifel u żewġt ibniet. Għamel żmien iservi fil-qrati u jagħti l-*lectures* fuq it-terminoloġija legali.

Laħaq l-ewwel professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta, u hekk baqa' mill-1937 sa l-1976. Din kienet opportunità kbira għalih biex jaħdem bla serħan fuq l-istudji u l-kitba tal-Malti, u ħajtu turi karriera sħiħa ta' attivitajiet soċjali u pubblikazzjonijiet li jagħmlu ġieħ lil ilsienna. Għal ħidmietu ngħata l-Medalja tad-Deheb "Ġużé Muscat Azzopardi", il-Medalja tad-Deheb tal-Confederation of Civic Councils, u midalja tad-deheb oħra mis-Soċjetà ta' l-Arti, l-Manufattura u l-Kummerċ. L-enerġija intellettwali tiegħu kienet kbira u kienet tispira 'l ta' madwaru.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-letteratura Aquilina pprova jimla l-vojt li sab billi jagħti aktar importanza lill-kittieba ta' qablu, bħal A.E. Caruana, Ġ.

Muscat Azzopardi, Dun Karm u jikkontribwixxi huwa stess għall-fergħat diversi tal letteratura (poeżiji, drammi, esejs, u rumanz). Fil qasam tal lingwistika wettaq studji xjentifiċi li fetħu orizzonti ġodda fir-riċerka lokali. Il-lingwistika tiegħu hija ġeneralment dijakronika għax kien jemmen li l-kunċett storiku tal-lingwistika kien bażi soda għall-istudju tal-lingwa. Kellu wkoll ħidma ġurnalistika fuq ir-radju u l-gazzetti li kien jinqeda bihom biex irawwem valuri morali nsara fis-semmiegħa u l-qarrejja tiegħu.

Sakemm dam ħaj kien meqjus bħala l-ogħla awtorità fuq l-ilsien Malti minħabba li kien pijunier ewlieni fl-istudji lingwistiċi. Fost dawn insibu *The Structure of Maltese* (1959), *Papers in Maltese Linguistics* (1961), u *Maltese Linguistic Surveys* (1976). Bħala dizzjunarji għandu *A Comparative Dictionary of Maltese Proverbs* (1972) u *Maltese-English Dictionary* (zewġ volumi, 1987-1990). Meta miet kien qiegħed jaħdem fuq dizzjunarju ieħor mill-Ingliż għall-Malti.

Fil-letteratura mbagħad insibu xi drammi bħal *Il-Bniedem li Ċaħdu* (1955) u *L-Ikkundannata u Żewġ Drammi Oħra* (1969) fejn ittratta r-realiżmu soċjali f'ambjent Malti. Biex jagħti aktar importanza lill-awturi l-oħra ġabar diversi antoloġiji bħal *Ward ta' Qari Malti* (flimkien ma' Saydon, 1936, 1937, 1940), *Il-Muża Maltija* (1948), u *Antoloġija ta' Proża Maltija* (1978, 1979). Lill-awturi Maltin tahom importanza wkoll bix-xogħlijiet ta' kritika li għamel, speċjalment dawk miġbura fi *Studji Kritiċi Letterarji* (1949). Il-kapulavur tiegħu għalija huwa r-rumanz *Taħt Tliet Saltniet* (1935) fejn Aquilina ried iqanqal sentimenti ta' nazzjonaliżmu u jsaħħaħ valuri nsara bi stil ta' proża kreattiva li ssostni l-istħajjil tal-qarrej.

Mill-esperjenza ġurnalistika tiegħu ħarġu bosta esejs fejjieda li mbagħad inġabru f'pubblikazzjonijiet bħal *Il-Polz ta' Malta* (1948) u *Madwar il-Ħajja* (disa' volumi, 1953-1974).

**MICHAEL BUTTIGIEG** fsc (1916-1997) twieled tas-Sliema u studja fl-iskola primarja ta' l-Imsida, imbagħad fil-Kulleġġ ta' Stella Maris, mnejn ħa l-vokazzjoni tiegħu ta' Brother. Kompla l-istudji tiegħu f'Ruma u fi Brussels. Għallem fil-kulleġġi tal-Brothers kemm f'Malta u kemm fl-Awstralja. Fl-1947 inħatar direttur tal-Kulleġġ ta' Stella Maris u wara direttur tal-vokazzjonijiet ta' l-Ordni tiegħu. Għamel ħabta jgħallem il-Franċiż fis-St Michael's Training College u qatta' żmien in-Niġerja jgħallem din il-lingwa f'Ondo

Ingħata żewġ boroż ta' studju fuq il-letteratura Taljana u dik Franċiża u l-Premio Città di Valetta mill-Għaqda Poeti Maltin. Inħatar ukoll Chevalier des Palmes Academiques minn Franza minħabba s-sehem tiegħu biex imexxi l-letteratura Franċiża. Kienet tinteressah ukoll l-istorja li fiha kien jara dejjem id-driegħ ta' Alla, u kien devot ħafna tal-liżar mirakoluż ta' Turin u ta' San Ġużepp li għalih kellu mħabba għamja. Fost il-kotba ta' l-istorja nsemmu *Is-Salib u n-Nofs Qamar* (1995) u *Xhieda Qalbiena fir-Revoluzzjoni Franċiża* (1995).

Kiteb xi poeżiji li l-aqwa fosthom jinsabu fl-antoloġija *Driegħ ma' Driegħ* (1969). Dawn il-poeżiji huma bosta drabi ppersonalizzati u sensittivi għall-ħidma divina tal-Ħallieq. Imma fil-qasam tal-letteratura l-aktar li jibqa' msemmi Buttigieg huwa għat-traduzzjonijiet li għamel mill-Franċiż. Il-ħidma tiegħu fil-qasam ta' l-edukazzjoni għenitu, qabel xejn, biex jaqleb għal ilsienna l-meditazzjonijiet ta' San Ġwann Battista De La Salle: *Lill-Edukatur Nisrani* (1985). Insemmu wkoll, fost oħrajn, *L-Imċerċer ta' Pariġi* (1985 - traduzzjoni tar-rumanz bl-Ingliż ta' Leo Charles Burchard *Master of Mischief Makers*), u *Is-Sid* (1982 - traduzzjoni ta' *Le Cid*) u *Poljettu* (1990 - traduzzjoni ta' *Polyeucte*) żewġ drammi poetiċi ta' P. Corneille li għalihom kellu jesperimenta bil-metrika Maltija. Fil-Ktieb tiegħi fuq Buttigieg, *Is-Sengħa tas-Snajja'* (1998) urejt kif anki fil-ħidma tiegħu letterarja kien jara sens qawwi ta' vokazzjoni.

Fl-1996 mietu żewġ imseħbin oħra.

**EDWARD COLEIRO** (1914-1996) twieled il-Ħamrun u studja l-Liċeo u fl-Università ta' Malta mnejn iggradwa bil-B.A., D.D., u J.C.B. Studja wkoll fl-Università ta' Londra u minn hemm ħa l-Ph.D. Ġie ordnat qassis fl-1937 u laħaq professur tal-Latin fl-Università fl-1940. Kellu ħidma ħabrieka fil-qasam reliġjo-kulturali u minħabba f'hekk ingħata bosta unuri fosthom l-Order of the British Empire u n-National Order of Merit. Għamel bosta studji fuq il-Latin u l-kittieba Rumani.

**PAWLU MIFSUD** (1928-1996) twieled Ħaż-Żebbuġ u studja fl-iskola primarja tar-raħal tiegħu u fis-Seminarju tal-Furjana. Segwa kors fl-Emergency Day Training College u wara, fl-1947, beda jgħallem fl-iskola primarja tal-Gvern. Bejn l-1962-1963 studja fl-Institute of Education ta' l-Università ta' Londra u kiseb diploma fit-tagħlim ta' l-Ingliż. Fl-1967 inħatar kap fl-

iskejjel tal-Gvern. Iżżewweġ fl-1953 u rtira mis-servizz fl-1980.

Kien membru attiv ta' l-Akkademja u għamel żmien teżorier tagħha u membru tal-Bord Editorjali ta' *Il-Malti.* Kiteb esejs, novelli u poeżiji, u xi *features* għar-radju wkoll. Kien wieħed minn dawk li ħadmu fuq is-sensiela ta' qari għat-tfal ta' l-iskola, *Id-Denfil* (1974). Fost il-pubblikazzjonijet tiegħu nsibu *Ħjut tad-Deheb* (1971) li hija ġabra ta' poeżiji għat-tfal, u *Serafin is-Saħħar* (1980) avventura għat-tfal. Il-ħlewwa fil-kitba tiegħu toffri attitudni pożittiva liċ-ċkejnin tagħna.

U fl-1995 ħalliena Pawlu Xuereb.

**PAWLU XUEREB** (1923-1995) twieled ir-Rabat (Malta) u studja fil-Kulleġġ ta' Flores. U studja wkoll fis-City Literary Institute u r-Regent Street Polytechnic ta' Londra. Beda l-karriera tiegħu bħala ġurnalista imma fl-1962 daħal fil-politika meta kkontesta l-elezzjoni ġenerali u rnexxielu jilħaq membru tal-parlament għall-ewwel darba. Kull meta l-Malta Labour Party kien fil-gvern Xuereb kellu pożizzjonijiet ta' responsabilità kbira bħal segretarju parlamentari, ministru, direttur ta' kumpaniji kbar u *chairman* ta' ditti ewlenin. Fl-1986 laħaq *Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti u fl-1987 Aġent President tar-Repubblika. Iżżewweġ lil Mary Edwige Muscat u kellhom tifla.

Għall-ħidma tiegħu fi żmien il-gwerra ngħata l-African Star, il-War Medal u l-Victory Medal.

Il-ħidma tiegħu letterarja tispikka l-aktar bis-sehem tiegħu fil-proża kreattiva. Insemmu r-rumanzi *Il-Każ tat-Tfajla Maħruqa* (1967) u *Qtil f'San Pawl il-Baħar* (1968), bid-ditektiv Saydon bħala l-karattru ewlieni. U nsemmu wkoll il-ġabriet ta' novelli li nsibu f'*Meta...* (1986) li rebaħ il-Malta Literary Award u *Il-Pitirross li ġie Malta u Stejjer Oħra* (1989). Għandu xi kitbiet ukoll għat-tfal. In-novelli tiegħu jittrattaw il-ħajja komuni kontemporanja u l-karattri tiegħu huma reġjonali. B'hekk ir-realiżmu fin-novell tiegħu huwa wieħed ta' kontenut li jikxef il-karattru Malti. Il-karriera ta' ġurnalista u politiku għenitu sabiex fil-letteratura jippenetra l-ħajja u r-ruħ ta' nissu.

Ma rridux ninsew li din is-sena taħbat il-ħames sena mill-mewt ta' Francis Ebejer (1925-1993). Naqraw xi ħaġa fuqu wkoll.

**FRANCIS EBEJER** (1925-1993) twieled Ħad-Dingli u studja fl-iskola tal-gvern u fil-Liċeo. Beda kors tal-mediċina fl-Università imma abbandunah fil-gwerra biex imur jagħmilha ta' interpretu mill-Ingliż għat-Taljan ma' l-Eighth Army tal-Qawwiet Ingliżi fl-Afrika ta' Fuq. Segwa kors ta' sentejn f'St Mary's Training College, Middlesex, u meta ġie Malta nħatar Kap ta' skola primarja fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni (1950-1977). Iżżewweġ lil Jane Cauchi Gera u kellhom tlitt itfal.

Kien membru tas-soċjetà internazzjonali tar-rumanziera, PEN, u f'ħajtu rċieva bosta unuri l-aktar għall-ħidma tiegħu fil-palk, bħal The Malta Amateur Film Circle Award, The Cheyney Award, id-Dublin Television Festival Award, il-Malta Literary Award (kemm-il darba), iċ-Città di Valetta, u l-Medal of Honour (Avignon). Inħatar membru onorarju ta' l-Academie de Vaucluse ta' Franza.

Ebejer kiteb ir-rumanzi tiegħu bl-Ingliż minbarra wieħed u l-biċċa l-kbira tad-drammi tiegħu bil-Malti. Bla Tlaqliq ngħid li għal żmien twil kien id-drammaturgu ewlieni f'pajjiżna bil-kontribuzzjoni revoluzzjonarja tiegħu fil-qasam tad-drammi fejn wera introspezzjoni qawwija tas-soċjetà Maltija. Kellu stil eleganti fis-sengħa tal-kitba tiegħu. Beda bir-radjudrammi bħal *Is-Sejħa ta' Sarid* (1950), *Bwani* (1951), u *Sefora* (1954), u għadda għax-xogħlijiet il-kbar tiegħu għal fuq il-palk: *Vaganzi tas-Sajf* (1962), *Boulevard* (1964), u *Menz* (1967). Fost drammi kbar oħra nsibu *Il-Ħadd fuq il-Bejt* (1971), *L-Imnarja Żmien il-Qtil* (1973), u *Il-Ġaħan ta' Binġemma* (1985). Kiteb ukoll drammi għat-televixin l-aktar magħruf fosthom *Id-Dar tas-Soru* (1977). Fost ir-rumanzi li kiteb għandu *A Wreath for the Innocents* (1958), *In the Eye of the Sun* (1969), u *Requiem for a Malta Fascist* (1980). Għandu wkoll rumanz li qatt ma ġie stampat: *The Maltese Baron... And I Lucien.* Kiteb rumanzett bil-Malti: *Il-Ħarsa ta' Rużann* (1985). Kiteb ukoll għadd ġmielu ta' novelli bl-Ingliż u bil-Malti u xi poeżiji. F' *The Teacher* kont ġibtlu bosta poeżiji bl-Ingliż meta kont wieħed mill-edituri tal-magażin. Kontribuzzjoni siewja tiegħu kienet *The Bi-lingual Writer as Janus* (1989) fejn jitfa' qawsalla ta' ideat fuq il-mentalità letterarja tiegħu. Ebejer dejjem kien jinsisti li l-Maltin huma Mediterranji imma fid-drammi tiegħu ttratta l-ispirtu Malti f'termini universali bħala aspett ta' l-umanità. L-universali jintrabat ma' ambjent speċifiku biex jispjega li l-ħajja Maltija tinsab mgħaddsa fl-istorja imma xorta tieħu n-nifs f'dinja moderna. Għaldaqstant il-passat u l-preżent f'Ebejer spiss jiddjalogaw flimkien biex jittawlu lejn il-futur.

# Manuel Nicholas-Borg: poeta Malti-Awstraljan

RIGU BOVINGTON

Il-poeta u awtur Malti-Awstraljan Manwel Nicholas-Borg li fl-aħħar ta' Mejju li għadda, qabad it-triq ta' dejjem wara ħajja tassew ħawtiela f'tiswir il-Muża romantika tradizzjonalista. Huwa kien l-aktar kittieb prolifiku Malti fl-Awstralja li matul ħajtu letterarja ħareġ ġabra ta' wieħed u għoxrin antoloġija ta' poeżiji. Waħda minn dawn il-ġabriet kienet l-unika antoloġija bl-Ingliż. Ħa sehem ukoll ma' poeti Maltin-Awstraljani oħrajn fi tliet antoloġiji oħra. Xogħlijiet oħrajn jinkludu l-istorja tal-kalendarju fejn jiddeskrivi l-iżvilupp tiegħu sa mill-ikmen żmenijiet. F'ġabra oħra jfisser diversi stadji ta' l-alfabett minn żmien il-Feniċi u jasal sa dak Ruman. Għandu wkoll preżentazzjoni ferm konċiża mill-istorja tal-Kattoliċiżmu ġewwa l-Awstralja u studju tas-sinjal tas-salib bħala għelm eraldiku. Fuq l-insistenza ta' Joe Saliba (poeta Malti-Awstraljan jgħix ġo Melborn) u tiegħi fl-1995 fl-aħħar ħareġ l-unika ġabra ta' esejs riċerkati fuq suġġetti varji taħt it-titlu *Imrieżaq Imżewqa.* L-Għaqda Kulturali Maltija ta' N.S.W. fl-1990 kienet ħarġitlu intervista magħmula minn Mark Caruana miġbura fi ktieb u b'daħla qasira analitika minni. Ikkontribwixxa artikli lil bosta ġurnali u gazzetti Maltin sija fl-Awstralja u kemm ġewwa Malta u fl-Eġittu. Kien ukoll kontributur regolari tal-pronostku Malti għal bosta snin. Ġewwa Melborn fejn kien joqgħod huwa ġie ppreżentat bil-Vilhena Award b'rikonoxxenza tal-kontribut tiegħu lill-Ilsien Malti fl-Awstralja. Il-Professur Aquilina wkoll kien onorah b'ra ppreżentazzjoni ta' xi versi tiegħu fil-*Muża Maltija.* Bħala ħabib intimu u kollega jiena nsellimlu bir-rispett kollu li hu mistħoqq lil kulmin bħalu jaħdem sfiq għall-ġid tas-soċjetà u ta' l-arti. Manwel kien ukoll ħabib ta' bosta Maltin-Awstraljani oħrajn u kien midħla ta' bosta kittieba Maltin.

Jekk Manwel kellu xi għelt, dak li spikka matul ħajtu bħala kittieb kien li huwa ma kellux is-sabar u d-dixxiplina jifli u jerġa' jifli qabel ma joħroġ xi xogħol għall-pubbliku. Ta' awtodidatta li kien wieħed jifhem ċerti nuqqasijiet u jagħlaq għajnejh għalihom. Imma tant kienet spikkanti fih din il-għada li sfortunatament hija ċajpritlu 'l senegħtu ta' sawwar il-Muża.

Il-valur l-aktar siewi tiegħu mil-lat lingwistku għaldaqstant jinsab fl-użu ħaj tal-Maltraljan (l-etnolett Malti użat speċifikament mill-Maltin-Awstraljani: ara IL-MALTI 1987) bħala karatteristika ewlenija ta' xogħlijietu. Il-mod kif Manwel sawwar il-kliem li qdieh biex fisser għommtu juri kemm l-awtur inserixxa ruħu b'mod profond fil-ħajja lokali Awstraljana, fl-ambjent tal-pajjiż adottat. Dan l-għelm fl-istess waqt jirrifletti wkoll ir-rispett li l-poeta baqa' jħaddan lejn xi identità Maltija mistħajla, idealizzata fuq l-impressjonijiet ta' ħamsin sena ilu mid-data li huwa nfatam minn art twelidu.

Manwell Nicholas-Borg qatt ma reġa' lura lejn Malta wara li emigra lejn l-Awstralja. Iżda l-Kontinent t'Isfel huwa daru xiber b'xiber u tgħallem iħobbu daqs kieku kien pajjiżu nattiv. Bl-istess forza huwa niseġ l-ideat tiegħu ma' dawk tal-Malta li ħalla warajh tant snin qabel.

Huwa żball ikrah għaldaqstant li l-awtur Malti ta' barra (Awstralja, Ingilterra, Kanada, eċċ) ma jingħatax l-attenzjoni li jistħoqqlu ġewwa Malta. Din il-letteratura Maltija maħluqa barra mix-xtut Maltin tirrifletti ġeneri u epoki oħrajn ittrasportati oriġinalment minn Malta u li maż-żmien inbidlet bit-tidkir mill-ambjent il-ġdid. Pajjiżi oħrajn bħall-Italja ma jinjorawhomx lill-kittieba msefrin tagħhom. Anzi ġewwa l-Awstralja stess huma studjati (eżempju Pino Bosi u Luigi Strano) għall-istess valuri li għadni kif semmejt u huma wkoll konoxxuti mill-Istat Taljan kif ukoll mill-oqsma akkademiċi ġewwa l-Italja.

Manwel Nicholas-Borg minkejja n-nuqqasijiet tiegħu jibqa' s-simbolu ta' dawn l-elementi kollha għaliex ħadem sfiq u mingħajr interessi monetarji. L-akbar kontribut tiegħu bla ma għarfu hu stess kisbu fil-qasam tal-lingwistika. Studju dettaljat ta' kif huwa għamel użu mil-lingwa għandu jikxef prova ċara ta' kif l-etnolett Maltraljan ippenetra sa fil-letteratura Maltija ta' din l-art.

Il-versi tiegħu għalkemm kotrana, ironikament u minħabba li huwa ma kienx ireqq minkejja li nġibditlu l-attenzjoni għal dan in-nuqqas serju bosta drabi minn ħbiebu, aktarx li jmutu miegħu. Għaliex minħabba dan id-difett il-qari ta' xogħlijietu jsir ferm tedjanti qabel ma l-qarrej jirnexxilu jsib il-ġdid u l-mistiku misturin u mxerrdin 'l hawn u 'l hinn fit-totalità ta' ġabret ħidmietu. Bosta drabi l-metafori li pprova jinseġ jinħassu mġebbdin u mhumiex effettivi waqt li x-xejra romantika fl-istil tiegħu iddominatlu kull opra letterarja li ħallielna. F'M.N.B ma nsibux argumenti filosofiċi li jikkonfutaw iżda l-

filosofija tiegħu hija ċara u diretta u għalhekk ma tisfidax; ma tistedinx il-pjaċir estetiku biex ifannad b'argumenti asaħħ u kontrarji!

Nikkonkludi billi nikkwota xi siltiet qosra minn kulma ntqal b'lenti kritika dwar kitbet Manwel Nicholas-Borg.

Mill-istudju li ħejjejtlu jien għall-ktieb *Għana tal-Qalb* fl-1990: "L-arti tal-kitba... ġieli tieħu sura eqreb lejn it-taħdit ma' l-innifsi milli bħala djalogu skonxju ta' l-awtur ma' l-udjenza tiegħu... il-poeta rnexxielu jiżviluppa s-solilokju li fih jinsab mistur il-ġenju tiegħu..." u mid-daħla tal-ktieb *Intervista lil Manwel Nicholas-Borg* "Id-dikotomija... fil-versi ta' Nicholas-Borg mhix immedjatament ovvja... biex jagħraf joħroġ dik is-sottilità li għal min ma jsibhiex fl-analiżi finali, aktarx jaqa' fil-għelt ta' apprezzament superfiċjali..."

Albert Marshall: "...safiżmu kompulsiv fl-ortografija ta' kliem barrani li ngħid għalija jiddisturbani u jaljenani mill-vena ewlenija ta' komunikazzjoni... parlant populista msawwar essenzjalment mis-sintassi u s-semantika tad-diskorsi ta' kuljum." (Il-preġudizzji ta' Marshall espressi ċari hawn jirriflettu litanija sħiħa ta' impressjonijiet antikwati dwar l-emigrant li tismagħhom ripetuti f'Malta daqskemm l-iggranfar tal-poeta Melborniż mar-romantiċiżmu jirrifletti qagħda psikoloġika li titlob fehem).

Qabbel il-kummenti tal-Professur Ġużè Aquilina: "Fil-poeżija... jinħass ħafna l-istil epigrammatiku. Dan il-kurrent iġorr miegħu kliem li wieħed jista' ma jħossx adattat għall-poeżija. Manwel Nicholas-Borg jista' jiddefendi ruħu billi jgħid li l-poeżija ta' żmienna modernista saret aktar demokratika, l-aktar minħabba l-ambjent Awstraljan... Skond din ix-xejra m'għandux jitwarrab kliem... bħalma huma *anċestrali, anniħilati, iddeludjati* u *ikkonġestjati*." (Dan huwa kumment lingwistiku u politiku mhux poetiku.) "...L-importanza ta' din il-ġabra ta' poeżiji qiegħda fin-natura tagħha bħala dokument ta' emigrant Malti... Il-Malti ta' dan il-poeta hu espost il-ħin kollu għall-influwenza tal-lingwa Awstraljana u maqtugħ mill-kurrent poetiku tal-letteratura Maltija."

Joe Saliba: "Il-ġabra kollha f'*Gala Lirika*, li ma ssib fiha l-ebda ħjiel ta' teatralità jew pompożità fil-kelma u l-istil, hija sensiela ta' poeżiji mexxejja, relevanti għal żmienna, u li jmissu l-qalb u l-moħħ."

Ġużé Chetcuti: "Manwel Nicholas-Borg hu poeta b'qalb kbira bil-fakultà tal-perċezzjoni li jħoss, jifhem u jidħol fil-fond tat-tema dominanti li tissawwar fi ħsiebu. Versi konċiżi mirquma b'figuri simboliċi u metaforiċi, effettivi fil-ġmiel u fil-profondità,..."

Ġorġ Chetcuti: "...fil-poeżija tiegħu nsibu... seħer tal-ħsieb sħiħ u qawwi u sbuħija mdawla mill-qalb li taf tħobb u tagħder."

Prof. Oliver Friggieri: "...tiftiehem tajjeb il-persunalità ta' poeta mbiegħed minn art twelidu li t-tifkira u l-esperjenza tagħha jispiċċaw biex isiru fih sentiment profond wieħed, kważi għajn ta' faraġ, mezz ta' sopravivenza u fuq kollox nixxiegħa ta' fiduċja.... Id-dħul ta' kliem ta' nisel rumanz u anglosassonu hu xejra interessanti oħra; l-awtur jimraħ f'medda wiesgħa fejn kliem ta' nisel Għarbi u kliem ta' nisel ieħor jitwaħħlu u jinsġu tila waħda u sħiħa, eżempju ta' integrazzjoni mtaħħta għal-liġi tal-kreattività tal-mekkaniżmi mentali Maltin... hija l-awtentiċità tas-sentimenti u tal-konvenzjonijiet li jaslu jitfissru f'għamla poetika sewwasew għaliex ħerġin mill-qiegħ nett... Ma jkunx sħiħ kull diskors fuq poeżija ta' poeta mbiegħed minn pajjiżu jekk ma jisħaqx fuq id-distanza u s-sens tagħha. Hija sewwasew din id-distanza li tfisser u tiġġustifika kollox..."

CHARLES COLEIRO

# Destin

Il-vojt li nħoss
fil-baħħ ta' madwari
ma jimteliex bil-kliem fieragħ
ta' min jixtieqni aħjar
għaliex it-triq minn fejn għaddej
għażiltha jien
u meta ntlaqt fejn tgħaddi l-kotra
fil-wesgħat
tfixkilt
intlift
u l-passaġġ taż-żmien rajtu infinit!

# Uċuħ

Fil-kristall tal-linfa tas-salott
il-lejla
nilmaħ id-dawl ibiddel ilwien ġodda
fuq wiċċ il-mistednin
li qabel daħlu ma xebgħux
ineżżgħu għarwenin
b'ilsna ta' ħallelin
lil dak u 'l-oħra
u issa taħt is-saqaf
qed jaqsmu magħhom
elf tbissima qarsa!

# Xewqat

It-tinwiħ bil-lejl tal-qtates
wara t-tieqa mbexxqa ta' kamarti
jixbaħ il-karba tiegħek
dieħla ħdejja
tfittex is-satra
u l-ħniena.

# Mill-Imgħoddi

(KWOTAZZJONIJIET MINN ĦARĠIET MGĦODDIJA TA' *IL-MALTI* BIEX INFAKKRU XI IDEAT LI PPREŻENTAW TA' QABILNA) – MIĠBURA MINN CHARLES BRIFFA.

* "U hawn insibu ma' wiċċna dil-mistoqsija: u kif trabba l-ewwel saff Għarbi fil-lsien Malti? Qerdu l-Għarab ilsien il-Maltin u daħħlu floku, jew inkella laqqmu l-Malti b'tilqima Għarbija?" (P.P. Saydon, Ġunju 1929, p.64)

* "Din il-Għaqda, għaldaqshekk, il-lum rabbiet bħal jedd li tibqa', u dan il-jedd iġib miegħu jedd ieħor, li l-kelma tagħha tkun mismugħa." (Dun Karm, Settembru 1929, p.68)

* "L-alfabett u l-ortografija ta' l-Għaqda għoġbu lil ħafna studjużi magħrufa ta' l-ilsna orjentali, fosthom insemmi... lir-Rev. Rafel Nakhla S.J. ta' Bejrut, li meta ġie f'idejh *Il-Malti* sejjaħ il-lsien tagħna l-iżjed letterarju fost id-djaletti Għarbin." (F.S. Caruana, Diċembru 1929, p.102)

* "Il-poeżija tirbaħ bil-ġmiel, trabbi bil-ħlewwa." (Dun Karm, Marzu 1930. p.3)

* "Iva, jixraq ħafna li tispiċċa din il-fehma li għandna, hawn Malta, illi bil-Malti jista' kulħadd jikteb kif irid u jkun kiteb tajjeb." (Dun Karm, Settembru 1934, p.97)

* "Il-kelma letterarja, bħalma għedna drabijiet oħra, hi l-libsa - mhux il-għata - tal-ħsieb." (Dun Karm, Marzu 1939, p.3)

* "U sar ftehim għaqli bejn il-ħaddiema, u x-xogħol tqassam u tqiegħed fuq sisien tajba: min ħa f'idejh il-ħidma ta' l-art, biex bis-saqi u bl-inqix iżommilha dejjem it-tira; min ħa ż-żabra u t-tilqim; min ħa l-irmindar, jiġifieri t-tneħħija ta' weraq niexef u ta' xi fergħa bagħlija; min il-ħsieb tad-dakra, min il-qirda tad-dud, u min il-ħars ta' l-għejun, tar-rimi, u tal-ward li kien diġà beda jidher. Fis-sena 1925 deher xi frott li għalkemm ħadrani, kien f'saħħtu; u x-xitla bdiet tiftaħ iżjed fil-friegħi, tisbieħ f'xuxitha u kull sena tistagħna iżjed fil-frott." (Dun Karm, Diċembru 1939, p.78-79)

# Nintervistaw lil Ġorġ Pisani

Minn Dr Charles Briffa

(23.3.1998)



1. *Kif tfisser l-iżvilupp fil-kitba bil-Malti matul is-Seklu XX?*
   Hawn Malta ġara dak li ġara f'pajjiżi oħra, per eżempju l-Italja. Ma' l-iżvilupp tas-sentiment nazzjonali beda jiżviluppa ruħu wkoll is-sentiment letterarju.

2. *Kemm temmen fl-implikazzjoni ta' l-isem* Evviva l-Ħajja*?*
   *Evviva l-Ħajja* ried jagħti kwadru tal-ħajja b'dak kollu sabiħ u attraenti li fiha il-ħajja u jekk jista' jkun, iħalli barra l-aspetti bla gost ta' l-eżistenza umana.

3. *"Iż-żgħożija" huwa suġġett komuni fil-kitba bikrija tiegħek. Kif tħares lejn iż-żgħożija l-lum?*
   Iż-żgħażagħ tal-lum mogħtija għal ħajja ta' ferħ u ta' pjaċir, b'dana kollu, b'xorti tajba, huma jafu jxammru idejhom biex jiddefendu meta jkun hemm bżonn lil pajjiżhom b'mod tassew erojku u ta' min jammirah.

4. *F'*Żerniq fuq l-Għoljiet *int spiċċajt b'referenza għall-"miraklu ta' l-imħabba." Kif tifhem li l-imħabba hija miraklu?*
   L-imħabba hija l-akbar miraklu li jista' jitwettaq fid-dinja. Hija għandha s-saħħa twitti l-muntanji tal-firda u tal-mibegħda u tagħmel mid-dinja baħar ta' paċi u ta' trankwillità.

5. *Poeżiji, novelli, kummiedji, rumanzi, esejs – kollox ktibt minn dawn. Imma liema l-aktar li taħseb li jixraq għall-burdati tiegħek?*
   Għall-burdati tiegħi naħseb illi l-aktar li jsib espressjoni hu l-ktieb *Melodiji u Kuluri* għaliex fih kliem minn diversi lingwi.

6. *Jien irrid ngħid li għalik il-poeżija aktar tfisser* l-Għid taż-Żgħożija *milli* Melodija u Kuluri. *Taqbel?*
   Jidhirli illi l-poeżija ta' l-*Għid taż-Żgħożija* hija iktar espressiva ta' dak li

rrid ngħid u għal dak li nkun inħoss minħabba l-kotra ta' kliem imħallat li fiha.

7. *Xi tfittex li tagħmel meta tikteb rumanz?*
Meta nikteb rumanz infittex il-*plot*, l-ambjent, il-psikoloġija tal-persunaġġi u l-konsistenza tal-karattri tagħhom u li mir-rumanzi joħroġ tagħlim li jista' jservi ta' gwida u esperjenza għaż-żmien ġejjieni.

## Għar Dalam

ĠORĠ BORG

F'dan l-għar
fejn il-lejl mingħajr nhar
drajtu sew:

F'dan l-għar
fejn ġa saffi ta' sekli
tgħattew;

F'dan l-għar
fejn bqajt rieqed u rieqed
hawn ġew.

## Poeżija

ĠORĠ BORG

Hawn tant enerġija
maħżuna
ġo dal-mikrokożmu ta' vers

li qed nistennieh
li jisplodi
u jsir
univers.

# Kumpliment lil Ilsienna

Dr Charles Briffa

Wara li fl-1971 tana t-traduzzjoni tal-*Hamlet* – biċċa xogħol oħra ta' ħila għaqlija – Ġużè Bartolo issa wasslilna t-traduzzjoni tiegħu tal-Makbett (1997). Mill-ewwel għat-tieni traduzzjoni tinħass maturita' sbejħa fix-xejritet stilistiċi, tant li ta' min iqisu b'traduttur tas-sengħa lil Bartolo. Mal-ewwel nissilli fiduċja li ftit kont se nitlef bil-qari tal-Malti.

It-traduzzjoni tiddependi fuq għarfien lingwistiku u enċiklopediku tad-'dinja vera' ta' Shakespeare. Il-lingwa letterarja hija marbuta mal-kuntest u allura t-traduttur jeħtieġu jsolvi l-ambigwitajiet u d-diffikultajiet li joħloq il-kuntest, jeħtieġlu wkoll ikun jaf il-possibilitajiet li kapaċi joħorġu minn silta. Nieħdu din is-silta biex nifhmu aħjar:

> *"Hawn ħajjat Ingliż. Ġie hawn għax seraq id-drapp minn qalziet li ħiet fuq il-moda Franċiża. Ħajjat, għaddi ġewwa; hawnhekk issib fejn issaħħanha l-ħadida tal-mogħdija."* (*Makbett* It-Tieni Att, it-III Xena, V. 13-16)

F'din ix-xena tal-purtinar, imdaħħla biex ittaffi kemmxejn it-tensjoni traġika u toħloq kuntrast li jġagħalna nħossu kemm l-azzjoni tal-ħażen imxiet b'pass mhux normali, ittella' fuq il-palk nota ta' ħajja normali u fl-istess ħin iddoqq nota ironika. Fiha referenzi topiċi: jiġifieri l-purtinar jirreferi għall-ġrajjiet, drawwiet, modi, ċajt ta' żmienu. Is-silta li kkwotajna trid tattakka fuq żewġ naħat: lil dak il-ħajjat ta' żmien Shakespeare li ma jużax drapp biżżejjed biex iħit qalziet u għalhekk ifasslu qasir u ssikkat imma fl-istess ħin lill-klijent iżommlu l-ammont sħiħ ta' dak li suppost nefaq; u lid-drawwa tal-ħajjata Ingliżi li jikkupjaw wisq mill-modi barranin mingħajr ma jkunu oriġinali. Mela fl-ambjent ta' din ix-xena jinħolqu żewġ kuntesti: il-kuntest tal-ħjata u l-kuntest tas-serq jew ta' l-ingann. Issa meta niġu għas-sentenza *"hawnhekk issib fejn issaħħanha l-ħadida tal-mogħdija"*, insibu li din toqgħod sew fil-kuntest tal-ħjata imma ma tixraqx għall-kuntest ta' ingann u serq. Fil-verżjoni oriġinali nsibu *"here you may roast your goose"*. Minnu li *"goose"* tfisser il-ħadida tal-mogħdija tal-ħajjat (għax kellha għamla ta' wiżża), imma l-logħob bil-kliem li l-idjoma Ingliża qed toffri ntilef. Għax fil-kuntest ta' serq u ingann hija referenza

għal *"to cook somebody's goose"* (waqqaf xi pjani ta' xi ħadd, żamm lil xi ħadd milli jkun antipatku). Hemm ukoll il-ħjiel ta' ġid minħabba li bis-serq tiegħu l-ħajjat jista' jaffordja li jiekol wiżża. Dan il-logħob bil-kliem intilef fit-traduzzjoni għax it-traduttur kellu bilfors jagħżel interpretazzjoni waħda biss. Imma l-assoċjazzjoni bejn is-sħana li trid issaħħan il-ħadida u s-sħana ta' l-infern li qanqal Makbett baqgħet.

Kieku jien, però, kont nittraduċiha b'"hawn tista' tixwiha l-wiżża l'għandek" biex indoqq aktar qawwi s-sarkażmu tal-purtinar. U r-raġuni għall-verżjoni tiegħi hija li "wiżża" metaforikament tista' ttieħed għall-ħadida tal-mogħdija-l-aktar meta l-qarrej Malti jkollu għarfien kulturali tal-fatt li l-ħadida tal-mogħdija tal-ħajjat kellha għamla ta' wiżża u kienet trid tkun imsaħħna fuq in-nar. U fl-istess ħin "wiżża" bħala annimal tagħtini l-kuntest l-iehor ta' ġid minħabba l-ingann. Il-verb "xewa" jassoċja ruħu sew ma' l-idea ta' l-infern. B'hekk li jintilef huwa l-implikazzjoni ta' l-idjoma Ingliża li twaqqaf lil xi ħadd mill-pjani tiegħu.

Dan kollu qiegħed ngħidu sabiex nuri kemm il-ħidma tat-traduttur hija kkomplikata u titlob aktar xogħol tal-ħsieb, u kif jista' jkun hemm aktar minn mod wieħed kif jinqaleb test. Għax it-traduzzjoni hija marbuta mal-perċezzjoni u l-kultura tat-traduttur. Minkejja l-kritika tiegħi, jien lest li naċċetta l-verżjoni ta' Bartolo għax għandu d-dritt għall-interpretazzjoni tiegħu. L-unika ħaġa li ma naċċettax mingħandu hija l-bidla fl-ewwel sentenza ta' Makbett. Fl-Ewwel Xena s-Sħaħar jispiċċaw bil-famuż kredu tagħhom *"il-ġmiel hu kruha w il-kruha hi ġmiel"* (L-Ewwel Att, l-1 Xena, v.11) u meta jidher Makbett għall-ewwel darba jgħid: *"Jum hekk sabiħ u ikrah qatt ma rajt"* (L-Ewwel Att, it-III Xena, v.39). Jidhirli li l-*"ġmiel"* kellu jibqa' *"ġmiel"* u mhux isir *"sabiħ"*, għax għalkemm Bartolo żamm l-ambigwita' tas-Sħaħar, bil-bidla ntilfet parti mill-ironija. Kieku l-vers kellu jiġi *"Jum hekk ta' ġmiel u kruha qatt ma rajt"*, kienet tibqa' aktar qawwija r-rabta bejn is-Sħaħar u Makbett għax id-diwi tal-kredu tal-ħażen kien ikun aħjar. Makbett ma kienx jaf x'qalu s-Sħaħar u r-repetizzjoni eżatta ta' kliemhom tħaxxen l-ironija tad-dramm. Nammetti li kif qalibha Bartolo tinstema' aktar naturali imma f'dan id-dramm l-ironija hija aktar importanti min-naturalezza u jidhirli li xejn ma għandu jtaff mill-qawwa ironika tax-xogħol.

Hemm prinċipju teoretiku tat-traduzzjoni li jgħid li biex isseħħ l-ekwivalenza fit-traduzzjoni jrid ikun hemm xi elementi fiż-żewġ lingwi li jkunu

lingwistikament relevanti għas-sitwazzjoni (li tħaddan magħha kull element li jista' jaffettwa l-lingwa). Issa minħabba li kull lingwa hija grammatikament *sui generis* irridu nitkellmu fuq ekwivalenza jew inkella traduzzjoni viċina, u mhux fuq traduzzjoni assoluta jew inkella nuqqas assolut ta' traduzzjoni. L-ekwivalenza tiddependi fuq kemm nistgħu npartu t-test laqqiegħ mat-test oriġinali – jiġifieri fuq kemm it-test tradott jista' jibqa' jinftiehem fuq l-istess linji tat-test oriġinali. Fl-eżempju li tajna hawn fuq Bartolo silet interpretazzjoni li tatu ekwivalenza xierqa għall-kuntest tad-dramm u l-fatt li xi tifsir intilef isaħħaħ l-argument li ma nistgħux nitkellmu fuq traduzzjoni assoluta.

Wieħed jista' jimmaġina kemm it-traduttur ta' Shakespeare jista' jiltaqa' ma' ostakli u diffikultajiet minħabba l-kultura differenti relatata mal-lingwa u maż-żmien. Il-lingwa ta' Shakespeare hija tlaqqigħ tal-lingwa ta' dawk li kien hemm madwaru ma' dak kollu li hu ħawwar u sawwar minn dik il-lingwa. Mela mad-diffikultajiet ta' l-Eliżabettjani, aħna l-lum niltaqgħu ma' problemi li ma kinux jeżistu fi żmien Shakespeare. Dawn id-diffikultajiet jiżdiedu minħabba li issa drajna sew lil Shakespeare u minħabba li xi tifsir ta' kliem u espressjonijiet ġie istituzzjonalizzat b'mod differenti minn kif intenzjonah Shakespeare. Meta Hecate tgħid *"Shall draw him on to his confusion"* (III, v. 29), *"confusion"* qiegħda użata fis-sens ta' qerda u mhux kif insibuha l-lum fis-sens ta' taħwid. Lil Ekate tiegħu, Bartolo però ġagħalha tgħid: *"Dawn jirnexxilhom iħawduh bis-sħiħ."* (It-Tielet Att, il-V Xena, V. 29) (Forsi "Iħarbtuh" kienet tkun kemmxejn aħjar – "ħerba" tista' tkun il-kompromess bejn "qerda" u "taħwid".) Fl-istess tàħdita ta' Hecate insibu *"Upon the corner of the moon"* li Bartolo jittraduċi *"F'qarn minn tal-qamar"* għax *"corner"* x'aktarx li kienet intenzjonata li tkun interpretata fis-sens etimoloġiku tagħha ta' "qarn" mil-Latin *"cornu"* u l-frażi tintrabat mal-*"cornua lunae"* tal-kittieba klassiċi.

Bartolo, li għandu esperjenza twila fit-tagħlim ta' l-Ingliż, jaf li l-lum il-ġurnata lil Shakespeare mhux bilfors nifhmuh kif kienu jifhmuh niesu fi żmienu, u għaldaqstant mat-traduzzjoni tiegħu hemeż taqsima bin-noti. Shakespeare bil-Malti jitbiegħed minna b'żewġ distanzi: bid-distanza taż-żmien (xi sfumaturi lingwistiċi jintilfu wkoll għall-Ingliżi) u bid-distanza tat-traduzzjoni (bejn il-Malti u l-Ingliż m'hemmx korrispondenza formali u idjomatika sħiħa). Ma nistgħux aħna napprezzaw lil Shakespeare bħalma kienet tapprezzah l-udjenza Eliżabettjana: fil-lingwa tiegħu ma nagħżlux bejn il-ġdid u l-qadim, bejn il-

formali u l-kollokjali, bejn dak li hu popolari u dak li hu pompuż, bejn l-imdorri u l-innovazzjoni. Nitilfu x-xokk letterarju tal-gost kulmeta titfaċċa xi frażi li kienet ġdida għall-esperjenza lingwistika ta' l-Eliżabettjani. Nitilfu l-logħob bil-kliem kulmeta xi tifsira tkun mietet biż-żmien jew bit-traduzzjoni. Jekk inkunu rridu nistudjaw il-lingwa ta' Shakespeare jeħtieġ nagħżlu tliet aspetti: l-Ingliż kif kien għall-ħabta tas-sena 1600; l-interess ta' Shakespeare fil-lingwa ta' pajjiżu – kif kien jirreaġixxi għal dak li jisma' madwaru u kif kien jaħsibha fuq il-kontroversji u d-drawwiet lingwistiċi ta' żmienu; u l-użu kreattiv tal-lingwa fil-kitba tiegħu. It-traduttur irid jiflihom dawn it-tliet aspetti u jżid aspett ieħor marbut mal-potenzjalitajiet lingwistiċi tal-lingwa laqqiegħa (fil-każ tagħna, il-Malti).

Dan kollu juri li l-ħidma tat-traduttur m'hix ħidma mgħaġġla, ta' bl-addoċċ. Il-proċess ta' traduzzjoni jrid ikun meqjus u mirqum. It-traduzzjoni tal-*Makbett*, bħal dik tal-*Hamlet*, hija maħduma b'ħila kbira. Il-poetiċità ta' Shakespeare fis-siltiet ewlenin u kruċjali ta' Macbeth u Lady Macbeth, Bartolo jirnexxilu jżommha fil-Malti. L-endekasillabu maħlul jaqdih sew, u l-kontribut stilistiku prinċipali ta' din it-traduzzjoni huwa t-tisħiħ tad-dinjità letterarja tal-vers tal-ħdax. Dan huwa vers li qeda u qed jaqdi lill-poeti l-kbar tagħna (bħal Dun Karm u Oliver Friggieri), u qiegħed ukoll ilaħħaq mal-ħsibijiet universali ta' letteraturi barranin. Bartolo jħaddmu tant tajjeb dan il-vers li jinstema' naturali u jilħaq waqtiet (bħal, ngħidu aħna l-ispijċ tas-Sinjura Makbett meta tneżża' 'l ruħha minn kull sentiment matern) meta d-drammatiċità hija qawwija kważi daqs fl-oriġinal. Bartolo jafha s-sengħa tiegħu, u titgħaxxaq taqraha t-traduzzjoni tiegħu.

# Miju Mekkek ta' l-Iljade

VICTOR XUEREB SJ

L-Ilijade ta' Omeru tiftaħ b'tifqigħa ta' sajjetta fil-bnazzi. Bnazzi mhux għax kienet issaltan il-paċi! Anzi kien żmien ta' ġlied. Minn naħa l-waħda l-Griegi kienu qegħdin iżommu lil Trojja f'morsa. Kien ilhom għaxar snin jassedjaw il-belt. Minn żmien għal żmien il-Griegi kienu jibagħtu xi riġment minn tagħhom biex jattakka l-irħula u l-bliet iż-żgħar ta' l-Alleati ta' Trojja, u jerġa' lura mgħobbi bi proviżjon ta' ikel u bhejjem u lsiera għall-armata kollha. Kien veru li fost il-Griegi bdiet tixtered il-pesta. Imma, li nqala' għal għarrieda kienet tħaqqiqa sħuna bejn l-aqwa żewġ kapijiet tal-Griegi... bejn Akilles l-attakkant il-prim li kellhom il-Griegi u bejn Agamemnon, il-*Commander in Chief* tat-Truppi Griegi kollha. B'dawk l-attakki żgħar fuq l-Alleati l-Griegi kienu sabu rkaptu ta' kif iżommu l-Armata tagħhom tassedja belt iffortifikata f'art barranija; imma, meta bdiet tixtered fosthom il-pesta, tathom rashom. Tgħid kienet xi kastig ta' l-allat? Min jaf jirnexxilhomx iberrdu l-qilla ta' l-allat b'xi sagrifiċċju xieraq?

Akilles laqqa' l-kapijiet tal-Griegi u quddiemhom talab lil Kalkas, il-Bassar il-prim tal-Griegi, biex jurihom għala l-allat kienu daru daqshekk kontrihom. U Kalkas, bit-tlaqliqa u biss wara li Akilles wiegħdu li jipproteġih hu jekk xi ħadd imissu, spjega li l-allat kienu msaħħnin għal Agamemnon talli meta Krises, il-qassis ta' Apollo, kien ġa rahan xieraq biex jifdi lil bintu li kienet inqabdet ilsira, Agamemnon, kontra kull sens ta' ġustizzja, ma ħelisx lill-ilsira u bagħat lil missierha bi kliem żorr ta' tħeddid. L-allat, qal Kalkas, ma kinux sa jwaqqfu dik il-pesta qabel ma Agamemnon irodd dik l-ilsira lil missierha u jżid ukoll xi sagrifiċċju xieraq lil Apollo.

Din ix-xorta ta' diskors tal-Bassar, tistgħu taħsbu x'fawra tellgħet f'ras Agamemnon. Issa kulħadd kien sar jaf li hu kien il-ħati ta' dik il-pesta qerrieda. Xnigħat bħal dawk jiġru fil-kamp kienu sa jagħmlulu l-ħsara żgur. Li kieku kien naqra aktar diplomatiku, kien ifittex jagħti din l-ilsira lura lil missierha u barra li kien ikun żamm prezzha fir-rahan li kien ġab missierha, kien igeddes min jaf kemm rigali minn fost il-Griegi li kienu jagħtuh b'ringrazzjament talli waqqfilhom il-pesta! Imma Agamemnon ma kienx diplomatiku. Kien xħiħ! U kien supperv. Ma ried b'xejn jitlaq dik l-ilsira minn taħt idejh.

Akilles, bi spirtu ta' kavallier nobbli, ipprova jfakkar lil Agamemnon il-Kmandant li l-ġid ta' l-Armata jiġi qabel il-ġid u l-qligħ personali tal-Kmandant. Imma Agamemnon dak kien jonqsu. Infasad. Beda jgħajjat li Akilles kien qed iħajru jagħti lura l-ilsira. għax ma kien sa jonqos xejn minn but Akilles! Kien faċli għal Akilles li jkun Amerikan fi ħwejjeġ ħaddieħor. "Ismagħni x'sa nagħmel!" qal lil Akilles, "Nagħti, iva l-ilsira li messet lili bi priża! Imma.. minflokha.. nieħu l-ilsira li kienet messet lilek" U bagħat fizzjal fit-tinda ta' Akilles biex iġib minn hemm l-ilsira ta' Akilles.

L-insult ma setax ikun aktar ċar u dirett. Għall-ewwel, Akilles kellu sfiċċa joqtlu f'nofs dik il-Ġemgħa. Imma, flok imidd idu fuq il-persuna sagra tas-Sultan, ħareġ 'il barra mil-laqgħa jaħlef li la hu u lanqas ħadd mir-riġment tiegħu tal-Mirmidoni ma kienu sa jgħinu lill-Armata tal-Griegi qabel ma Agamemnon jiġi jitolbu skuża. Ix-xena tagħlaq b'Akilles ħiereġ irrabjat mil-laqgħa waqt li Agamemnon jgħidlu li biex ikompli l-assedju, ma kellux bżonnu.

Jekk Agamemnon kien xħiħ u ma rahiex bi kbira li jaqla' dan l-inkwiet kollu biex ma jiċċaħħadx minn ilsira, Akilles ukoll kien bniedem li għall-unur personali tiegħu kien lest li jaħqar l-Armata ta' sħabu l-Griegi. Akilles, permezz ta' ommu, waħda mill-allat, talab lil Żews biex jibda jgħin lit-Trojjani u biex idum jgħinhom sakemm Agamemnon meta jara li qed jaqla' xebgħa, ikollu bilfors jerġa' jitlob l-għajnuna ta' Akilles! Jekk it-Trojjani jibdew jirbħu, jibda jidher ċar kemm kien isarraf Akilles! Għax meta Akilles kien joħroġ jitqabad ħadd mit-Trojjani ma kien jazzarda jdendel kusu miegħu! Akilles, biex jerġa' jieħu ġieħu, beda jitlob li l-allat jibdew itellfu lill-Griegi! Il-qilla tiegħu għamietu kif ix-xeħħa kienet għamiet lil Agamemnon.

Intant, Akilles bagħat lil ommu Thetis, waħda mill-allat minuri, għand Żews u Żews wegħedha li jara x'jagħmel biex jibda jgħin lit-Trojjani.

Biex iżomm kelmtu ma' bintu Thetis, Żews bagħat Holma Qarrieqa biex iħawwad moħħ Agamemnon. B'din il-Holma, Żews mela moħħ Agamemnon li issa kien il-ħin tajjeb biex jagħmel l-attakk finali fuq Trojja (mingħajr l-għajnuna ta' Akilles) biex l-unur tal-waqgħa ta' Trojja jieħdu biss Agamemnon. Agamemnon ilaqqa' l-Kunsill u jordna lill-Ġenerali biex jisferraw l-attakk finali fuq Trojja. Meta huma jiftħulu għajnejh u juruh li Trojja għadha b'saħħitha, hu jheddidhom li jekk ma jattakkawx immedjatament hu kien sa jitlaq lura Argos

mnejn kien ġie. Ma kellhomx x'jagħżlu. Lura, wara għaxar snin assedju, ma ridux imorru b'idejhom vojta!

Kontra qalbhom bdew iħejju għal taqtiegħa li kienu jafu li sa jitilfu! Imma forsi l-agħar ħaġa li ġrat kienet li dak li ntqal fil-privat fil-Kunsill ma damx ma ħareġ fil-pubbliku fost is-suldati li malajr sabu min ixewwixhom biex ifittxu jwaqqfu l-assedju u jsalpaw lura lejn djarhom! Għax, wara kollox, l-unur mhux il-Kmandanti kienu sa jeħduħ? Huma xi daqqa ta' lanza kienu jistgħu jdabbru.

Hawn jidħol xewwiex famuż: wieħed mill-karattri memorabbli li joħloq Omeru. Xewwiex jismu Thersites, li għalkemm ikrah daqs ċappa dlam, kellu lsienu jaqta' daqs ponta ta' stallett. Fil-biċċa li ġejja sa nħalli lil Omeru jsemmgħalna hu t-tixwix ta' Thresites u kif Odissews fl-aħħar jirnexxilu jrażżanlu lsienu.

Innota kif Omeru jirnexxilu jqaxxar il-karattru ta' dan ix-xewwiex baxx u kif l-umoriżmu huwa wieħed li tistenna minn nies ta' dil-qatgħa.

Fl-aħħar ikkwieta l-ħoss u ntasbu kollha
Bil-qiegħda fuq il-bankijiet għal-Laqgħa,
ħlief wieħed biss li baqa' jgħid u jilsen.
Dan kien Thersites, żatat, wisq fuq ruħu.
Kien wisq jinqala' għac-ċajt pastaż u jniggeż
Kontra s-Sultan u kontra min imexxi,
Imbasta jdaħħak bihom lis-suldati!
Ma kienx hemm wieħed ikreh iżjed minnu
Minn fost l-Akej li kienu marru Trojja.
Kien naqra zopp u jġebbed siequ l-waħda
U ż-żewġ saqajn kienu mgħawġin daqs nagħla.
Spallejh it-tnejn kienu 'l quddiem imgeddsa
U kważi jmissu lil xulxin fuq sidru.
Imħawla bejn spallejh kellu ras żgħira
Għamla ta' bajda; u mill-qurriegħa sewwa
Kienu jinbarmu żewġ żajbriet imqardna.
Lil dan Thersites ħadd ma kien jistmerru
Daqs il-magħruf Akilles u Odissews
Li lilhom l-iżjed kien għac-ċajt iwaqqa'.
Bix-xorti tajba għalihom, dik id-darba,
Thersites kien imaqdar 'l Agamemnon:
Kien għolla leħnu rqiq imma jinstama'

U beda jgħajru b'kull ma ġieh f'ilsienu.
Għax sab ix-xoqqa f'moxtha biex iniggżu
Meta sar jaf li ħafna mis-suldati
Kienu mgħaddbin għall-Ħakem Agamemnon.
"Ja Sire!" beda jgħid lil Agamemnon
b'leħen nebbiex u fl-istess ħin wisq għoli,
"X'għandek bżonn issa? Xi trid iżjed minna?
It-tinda tiegħek imballata għotjiet!
Għax minn kull belt li jirnexxielna nġarrfu,
Dejjem imissek l-isbaħ, l-aqwa u l-ifjen
U tagħżel inti stess l-aħjar ilsira!
X'inhu li jonqsok, mela? Deh'b u fidda?
Stenna 'l xi wieħed mit-Trojjani għani
ħa jiġi s'għandek biex itik ir-rahan,
deh'b u rigali biex teħlislu 'l ibnu
li kont qbadt ilsir jien jew qabdu sħabi!
X'inti tixxennaq? Għandek bżonn xi xbejba
Biex torqod magħha? Tridha biex taqdik?
Oqgħod attent! Tagħtix eżempji ħżiena
Li jistgħu jwasslu 'l da's-suldati fl-għali!
Intom, ja ħbieb, li jkolli nsejjaħ: 'Nisa'
— nixtieq li kieku nista' ngħid: 'Irġiel' —
ejjew minn hawn nitilqu bl-akbar ħeffa
u nħallu 'l dan il-galantom warajna
biex jibqa' jgħasses hu mal-ġid li ħataf!
Forsi sa fl-aħħar jibda jdaħħal f'moħħu
Kemm għandu bżonn tal-qalbenin suldati!
Sa lbieraħ stess, lanqas ma staħa jċanfar
Lill-kbir Akilles, bniedem aqwa minnu!
Imma raġel hekk nobbli bħal Akilles
Mhu qatt sa jħalli nsult hekk baxx ikiddu!
Ħalla lil Agamemnon tgħaddi tiegħu.
Għax kieku, Sire, Akilles ma kienx nobbli,
Dawk il-kelmiet wisq żorri l' għedt ilbieraħ
Kienu jkunu ta' l-aħħar li għedt f'ħajtek."

Bilkemm kien spiċċa dan il-kliem xewwiexi
Kontr' Agamemnon, il-Kmandant il-kbir,
Li ħdejn Thersites ma resaqx bil-qilla
Il-magħruf Odissews, b'wiċċ kollu rabja.
Bed' Odissews ilumu kif kien ħaqqu:
"Thersites" qallu, "jekk ridt turi għerfek,
minn qalbi ngħidlek li ma rnexxilekx!

Dejjaqtna lkoll bil-kliem xewwiex l'għedtilna.
Ja biċċa ta' ċakkar! Kif lanqas tistħi
Tqum fost da'n-nies biex tmaqdar lil sultan?
Ħadd m'għandu dritt – u l-anqas wieħed inti,
għax m'hawn ħadd daqsek injurant u ebsi
minn kemm ġew nies ma' wlied il-kbir Atrews—
ħadd m'għandu dritt imaqdar x'qal il-Ħakem!
Lanqas jixraqlek biss issemmi ismu!
Aħseb u ara tħajjar lis-suldati
Biex titilquh u tmorru kollha lura!
Ħadd m'għandu ħjiel kif għad tispiċċa l-biċċa:
jekk għadx nitilfu jew għadx fl-aħħar nirbħu
Kull ma qed tagħmel hu li b'ħerqa xxewwex
Kontr' Agamemnon. Il-Kmandant il-Kbir!
Qed twaqqa' għaċ-ċajt il-Kapijiet tal-Griegi
Talli jagħtuh mill-priża s-seh'm li ħaqqu!
Imm' isma' 'l hawn – għax jiena kelmti nżommha—
Jekk biss darb'oħra nerġa' lilek nisma'
Taqla' qlajjiet bħal dawn li għedt hawn fostna,
Nirrani rasi jaqtgħu minn ma' ġismi,
żgur daqs kemm żgur Telemakus hu ibni,
li niġi naqbdek qabda bejn idejja
u nneżżgħek il-mantell u l-qmejsa l'għandek
u nċarrat minn fuq dahrek dawk id-dniedel
u ma niqafx qabel ma nikxef kollox,
u kif tkun għeri, xebgħa għasluġ nilgħablek
u nqalftek minn ġol-ġemgħa bl-ebda ħniena
biex tmur titkerrah ħdejn l-iġfien u tnewwaħ! "

U kif dal-kliem kien Odissews qed jgħidlu,
Venvinlu daqqa ta' bastun fuq dahru!
Inġibed lura minnufih, Thersites
U jixher beda u jwaħwaħ bħal tarbija.
Tbenġila sewda tqajjar demm sewdieni
Telgħet malajr minn spalltu sa taħt abtu
Fejn kienu laqtu tal-bastun l-għekiesi.
Birek ma' l-art, imwerwer minn daqq'oħra.
U, fost uġigħ beda minn wiċċu jimsaħ
Xi demgħat sħan għal fuq ħaddejh iġelbnu.

Għalkemm l-oħrajn ma kellhomx ħajr jiddieħku,
Tgħidx x'daħka faqqgħu meta raw dix-xena.
Wieħed lill-ieħor, bdew minn taħt ilsienhom,
Jgħidu 'l xulxin biex lil xulxin idaħħku:

"Dan Odissews m'hawnx prezzu! Ħaqqu prosit"
"Kont naf" qal wieħed, "li kien wisq jinqala'
biex jagħmel pjan u nasba fina b'moħħu,
u naf ukoll li jaf il-lanza jxejjer
imma żgur li m'għamlilna qatt pjaċir
akbar minn dan ta' llum, meta ħelisna
mit-tpaċpiċ fieragħ li kien jgħid Thersites!
Għax ma naħsibx li sa jkun wisq imgħaġġel
Dan l-iblah ta' Thersites jitla' jidden
ħalli mill-ġdid imaqdar lil xi Ħakem!"
U bħalu bdew jgħidu l-oħrajn. Għax qablu.

## Wirt Battal

P. Sciberras

mardu l-għeruq tal-wirt miksub
u fil-librerija tal-memorja
il-għatx mingħajr kontroll
ta' ljieli mqajma
nixef
fil-baħħ alluċinati ta' kuljum

lanqas għadu bħal dari jqanqal bl-entużjażmu
il-għarfien nebbiex,
jew il-għajnejn ħalliema
jiffokaw ċinematografija
ta' xbihat surreali

intant,
il-qħab tas-snin
liegħbu mgħaxxa
taħt imwejjed ta' uffiċini bla ħajja
u nefħu sidirhom
bil-libretti tal-bank
u l-mazez tad-dwejjaq.

Ġorġ Borg

# Naf Tifel

Naf tifel li tela' mill-baħar.

Naf tifel li farfar tfulitu
Fuq medda ta' ramel.

Naf tifel li x-xatt kien pajjiżu
U l-mewġ kien id-demm jiġri fih.

Naf tifel li reġa' mar lura
Fil-baħar,
Fil-qiegħ.

# Mħabba Sewda

Iktibli fir-ramel li tħobbni
- dil-qalb qed tixxennaq għalik.

Bil-mewġ li jinsilet minn ħdani
Irrid li ngħattik.

Hawn isfel f'dirgħajja tistrieħ,
Hawn isfel fid-dlam ta' ġol-qiegħ.

# Durham 11.5.96

JOE FRIGGIERI

Bla ħoss ix-xita traxxax
irqiq irqiq
u fuq il-belt qadima
nieżla d-dalma.

Fix-xmara ħadranija
fid-dawl tal-lampi sofor
jilmaw id-djar u s-siġar
rashom 'l isfel.

Jgħaddi minn fuq il-pont
raġel bil-kelb;
jgħaddu warajh jixxenglu
żewġ namrati.

Fuq l-għolja, waħdu,
joħlom il-ħolm ta' disa' sekli ilu
il-katidral.

# data base

P. SCIBERRAS

f'laboratorji storduti
u sodod illuppjati
kromosomi ultra mġienen
ikklonizzaw
wild il-kompjuter

robotika l-mixja,
drogata n-nisġa
ta' utopji virtwali
u vojt mingħajr qies.

# Ipokrezija

John Buttigieg

Kif nista' nemmen fikom, pożaturi
jekk intom tgerfxu bla permess ġo fija
u f'li għad nagħmel
bla kuxjenza

U tgħidu li għal artkom tagħmlu kollox.
u fl-istess ħin tassumu
x'jaqbel lilkom.

X'jimporta li x'imkien hemm nies ibatu,
jittendu biss mill-ħars stunat li jżebbeġ
biex jgħasses fuqhom,
u jien u int insiru numru ieħor
f'katalgu twil ta' paġni skonnoxxuti…

X'jimporta li x'imkien għad hemm mistura
uċuħ li ma jafux xi tkun it-tjieba,
u bla nteress jintrifsu l-ġrieħi tagħhom
u jekk ma jgħidu xejn
ħadd ma jitmagħhom…
X'jimporta.

Il-bieraħ ħabbat il-bieb u ftaħt bħas-soltu.
Quddiemi rajt jippoża wiċċ antik
daqs l-antiporta li ftaħt biex jidħol.

Ġie jżurni l-kandidat
li l-jum ta' qabel
għadda skantat – spjenat

f'estażi ta' glorja
bla ħajra li jsellem
jew jieqaf jitkellem.

Għal waqt ħassejtni l-iblah li jrid jgħid ħafna
U ma jistax

# Mid-Djarju tat-Tarzna

P. SCIBERRAS

mill-vixxri ta' vapur
f'lejla ta' azzar imdewweb
splodew ħelliesa
il-gass
u
l-għaraq jikwi
ta' disa' "boilersuits"
jintonaw 'de profundis'
fil-luttu ta' l-imbikkma

U qajla jingħalqu l-ġrieħi
fir-reżħa tas-sodod mifruxa
minn ommijiet u romol
idommu
rużarju ta' lfiq u mħabba
u litanija mkissra ta' tifkiriet

għal żmien
jissoktaw għajnejn iż-żgħar
jiddendlu lefliefa
max-xquq tal-bwieb u l-kantunieri
bl-istennija tad-"daddy"

u meta jiskot kollox
u l-faraġ iħoll
il-għoqod ta' l-imġarrba
jibqa' l-mafkar li jtenni l-ġrajja
tal-mewt
tidħol u toħroġ minn bieb it-tarzna
mingħajr sirena.